– 31999 R 0590: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 590/1999 tat-18.3.1999 (ĠU L 74, 19.3.1999, p. 8),

– 31999 R 1070: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1070/1999 tal-25.5.1999 (ĠU L 130, 26.5.1999, p. 18),

– 32000 R 0813: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 813/2000 tas-17.4.2000 (ĠU L 100, 20.4.2000, p. 5),

– 32000 R 2703: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2703/2000 tal-11.12.2000 (ĠU L 311, 12.12.2000, p. 25),

– 32001 R 0913: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 913/2001 ta' l-10.5.2001 (ĠU L 129, 11.5.2001, p. 8),

– 32001 R 1347: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1347/2001 tat-28.62001 (ĠU L 182, 5.7.2001, p. 3),

– 32001 R 1778: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1778/2001 tas-7.9.2001 (ĠU L 240, 8.9.2001, p. 6),

– 32002 R 0564: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 564/2002 tat-2.4.2002 (ĠU L 86, 3.4.2002, p. 7),

– 32002 R 1829: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1829/2002 ta' l-14.10.2002 (ĠU L 277, 15.10.2002, p. 10).

(a) Fl-Artikolu 1, jiżdied is-sub-paragrafu li ġej:

"L-ismijiet "Budějovické pivo", "Českobudějovické pivo" u "Budějovický měšťanský var" għandhom ikunu reġistrati bħala indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (IĠP) u imniżżla fl-Anness skond l-ispeċifikazzjonijiet sottomessi lill-Kummissjoni. Dan huwa bla ħsara għal xi trademark tal-birra jew drittijiet oħra li jeżistu fl-Unjoni Ewropea fid-data ta' l-adeżjoni."

(b) Fil-Parti B ta' l-Anness, dan li ġej jidħol taħt l-intestatura "Birra":

"IR-REPUBBLIKA CEKA:

– Budějovické pivo (IĠP)

– Českobudějovické pivo (IĠP)

– Budějovický měšťanský var (PGI)".

19. 31996 R 1577: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1577/96 tat-30 ta' Lulju 1996 li jdaħħal miżura speċifika għal ċerti legumi taż-żerriegħa (ĠU L 206, 16.8.1996, p. 4), kif emendat bi:

– 31997 R 1826: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1826/97 tat-22.9.1997 (ĠU L 260, 23.9.1997, p. 11),

– 32000 R 0811: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 811/2000 tas-17.4.2000 (ĠU L 100, 20.4.2000, p. 1).

L-Artikolu 3(2) jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-arei massimi garantiti għandhom jiġu stabbiliti għal 162 529 ettaru għall-għads u għaċ-ċiċri, u għal 259 473 ettaru għall-ġilbiena li hemm referenza għaliha f'punt (ċ) ta' l-Artikolu 1. Fejn area massima ma tkunx milħuqa matul xi sena ta' marketing, il-parti li mhix użata għandha tiġi allokata mill-ġdid lill-area massima l-oħra għal dik is-sena ta' marketing qabel ma tinqabeż dik is-sena.".

20. 31996 R 2201: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq ta' prodotti pproċessati tal-frott u tal-ħaxix (ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29), kif emendat bi:

— 31997 R 2199:Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2199/97 tat-30.10.1997 (ĠU L 303, 6.11.1997, p. 1),

— 31999 R 2701:Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2701/1999 ta' l-14.12.1999 (ĠU L 327, 21.12.1999, p. 5),

— 32000 R 2699:Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2699/2000 ta' l-4.12.2000 (ĠU L 311, 12.12.2000, p. 9),

— 32001 R 1239:Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1239/2001 tad-19.6.2001 (ĠU L 171, 26.6.2001, p. 1),

— 32002 R 0453:Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 453/2002 tat-13.3.2002 (ĠU L 72, 14.3.2002, p. 9).

(a) Fl-Artikolu 7(2), jiżdied is-sub-paragrafu li ġej:

"Għal Ċipru is-snin ta' marketing 1995/96, 1996/97 u 1999/2000 huma s-snin ta' referenza biex jiġi stabbilit il-wiċċ massimu garantit Komunitarju li hemm referenza għalih fl-ewwel sub-paragrafu.";

(b) Fl-Artikolu 9 (1) it-tieni sub-paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-kwantitajiet ta' żbib u passolina mixtrija skond il-paragrafu 2 ma għandhomx jaqbżu 27 930 tunnellati metriċi.";

(ċ) L-Anness III jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS III

Il-limiti ta' l-ipproċessar li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5

Piż nett tal-prodott frisk

(f'tunnellati metriċi)

| | | Tadam | Ħawħ | Lanġas |
|---|---|---|---|---|
| Limiti Komunitarji | | 8 653 328 | 542 062 | 105 659 |
| National thresholdsLimiti nazzjonali | Ir-Repubblika Ċeka | 12 000 | 1 287 | 11 |
| | Il-Greċja | 1 211 241 | 300 000 | 5 155 |
| | Spanja | 1 238 606 | 180 794 | 35 199 |
| | Franza | 401 608 | 15 685 | 17 703 |
| | L-Italja | 4 350 000 | 42 309 | 45 708 |
| | Ċipru | 7 944 | 6 | m.r. |
| | Il-Latvja | m.r. | m.r. | m.r. |
| | L-Ungerija | 130 790 | 1 616 | 1 031 |
| | Malta | 27 000 | m.r. | m.r. |
| | L-Olanda | m.r. | m.r. | 243 |
| | L-Awstrija | m.r. | m.r. | 9 |
| | Il-Polonja | 194 639 | m.r. | m.r. |
| | Il-Portugall | 1 050 000 | 218 | 600 |
| | Is-Slovakkja | 29 500 | 147 | m.r. |

m.r. = mhux rilevanti

".

21. 31996 R 2202: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2202/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 li jdaħħal skema Komunitarja ta' għajnuna għall-produtturi ta' ċertu frott taċ-ċitru (ĠU L 297, 21.11.1996, p. 49), kif emendat bi:

- 31999 R 0858:Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 858/1999 tat-22.4.1999 (ĠU L 108, 27.4.1999, p. 8),

- 32000 R 2699:Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2699/2000 ta' l-4.12.2000 (ĠU L 311, 12.12.2000, p. 9).

L-Anness II jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS II

Il-limiti ta' l-ipproċessar li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5

Piż nett tal-prodott frisk

(f'tunnellati metriċi)

<table>
<tr><td colspan="2"></td><td>Larinġ</td><td>Lumi</td><td>Grapefruit</td><td>Frott irqiq taċ-ċitru</td></tr>
<tr><td colspan="2">Limiti Komunitarji</td><td>1 518 982</td><td>513 650</td><td>22 000</td><td>390 000</td></tr>
<tr><td rowspan="6">Limiti nazzjonali</td><td>Il-Greċja</td><td>280 000</td><td>27 976</td><td>799</td><td>5 217</td></tr>
<tr><td>Spanja</td><td>600 467</td><td>192 198</td><td>1 919</td><td>270 186</td></tr>
<tr><td>Franza</td><td>m.r.</td><td>m.r.</td><td>61</td><td>445</td></tr>
<tr><td>L-Italja</td><td>599 769</td><td>290 426</td><td>3 221</td><td>106 428</td></tr>
<tr><td>Ċipru</td><td>18 746</td><td>3 050</td><td>16 000</td><td>6 000</td></tr>
<tr><td>Il-Portugall</td><td>20 000</td><td>m.r.</td><td>m.r.</td><td>1 724</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="5">m.r. = mhux rilevanti</td></tr>
</table>

".

22. 31998 R 1638: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1638/98 ta’ l-20 ta’ Lulju 1998 li jemenda r-Regolament Nru. 136/66/KEE dwar it-twaqqif ta’ organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żjut u x-xaħmijiet (ĠU L 210, 28.7.1998, p. 32), kif emendat bi:

— 32001 R 1513:Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1513/2001 tat-23.7.2001 (ĠU L 201, 26.7.2001, p. 4).

(a) Fl-Artikolu 2(1), jiżdied is-sub-paragrafu li ġej:

"Ċipru, Malta u s-Slovenja għandhom idaħħlu s-SIĠ mhux aktar tard mill-1 ta’ Jannar 2005.";

(b) Fl-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu jinbidel b’dan li ġej:

"Fir-rigward ta’ siġar taż-żebbuġ addizzjonali jew l-arei rilevanti mħawla wara l-1 ta'Mejju 1998 għall-Komunità, ħlief għal Ċipru u għal Malta li għalihom id-data għandha tkun il-31 ta’ Diċembru 2001, u dawk li mhumiex koperti b’dikjarazzjoni ta’ tkabbir f'data li għad trid tiġi deċiża, dawk li jkabbru ż-żebbuġ ma jistghu jitħallsu l-ebda għajnuna taħt l-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żjut u x-xaħmijiet fis-seħħ mill-1 ta’ Novembru 2001.".

23. 31999 R 1251: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1251/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jistabbilixxi sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti prodotti maħruta (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 1), kif emendat bi:

– 31999 R 2704: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2704/1999 ta' l-14.12.1999 (ĠU L 327, 21.12.1999, p. 12),

– 32000 R 1672: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1672/2000 tas-27.7.2000 (ĠU L 193, 29.7.2000, p. 13),

– 32001 R 1038: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1038/2001 tat-22.5.2001 (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 16).

(a) Fl-Artikolu 2(2), jiżdied dan is-sub-paragrafu li ġej:

"Għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, l-area ta' bażi reġjonali għandha tkun stabbilita bħala n-numru medju ta' ettari f'xi reġjun li huma għal uċuh tar-raba' maħrut matul perijodu ta' tliet snin konsekuttivi fil-perijodu 1997-2001. It-total ta' l-arei ta' bażi reġjonali għal kull wieħed minn dawn l-Istati Membri ma għandux jaqbeż l-arei ta' bażi imsemmija fl-Anness VI.";

(b) Fl-Artikolu 3(5), jiżdied is-sub-paragrafu li ġej:

"- għar-Repubblika Ċeka, Ċipru, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja billi jkunu stabbiliti l-produzzjoni ta' riferenza imsemmija fl-Anness VI.";

(ċ) Fl-Artikolu 3(7), il-kliem "... jew, fil-każ ta' l-Italja u ta' Spanja il-produzzjoni kif stabbilita fl-Artikolu 3(5) tinqabeż ...", huma mibdula b'dan li ġej:

"... jew, fil-każ ta' Ċipru, tar-Repubblika Ċeka, ta' l-Estonja, ta' l-Ungerija, ta' l-Italja, tal-Latvja, tal-Litwanja, ta' Malta, tal-Polonja, tas-Slovakkja, tas-Slovenja u Spanja il-produzzjoni kif stabbilita fl-Artikolu 3(5) tinqabeż ...";

(d) Fl-Artikolu 7, is-sub-paragrafu li ġej jidħol bejn l-ewwel u t-tieni sub-paragrafu:

"Għal-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, u s-Slovenja, applikazzjonijiet għall-pagamenti ma jistgħux isiru fir-rigward ta' art li, fil-31 ta' Diċembru 2000, kienet tintuża bħala mergħa permanenti, għall-uċuħ tar-raba' b'mod permanenti jew għall-imsaġar jew kienet użuta għal għanijiet mhux agrikoli. Għas-Slovakkja applikazzjonijiet għall-pagamenti ma jistgħux isiru fir-rigward ta' art li, fil-31 ta' Diċembru 2001, kienet tintuża bħala mergħa permanenti, għall-uċuħ tar-raba' b'mod permanenti jew għall-imsaġar jew kienet użuta għal għanijiet mhux agrikoli. Għall-Estonja applikazzjonijiet għall-pagamenti ma jistgħux isiru fir-rigward ta' art li, fl-1 ta' Ottubru 2002, kienet tintuża bħala mergħa permanenti, għall-uċuħ tar-raba' b'mod permanenti jew għall-imsaġar jew kienet użuta għal għanijiet mhux agrikoli. Għar-Repubblika Ċeka applikazzjonijiet għall-pagamenti ma jistgħux isiru fir-rigward ta' art li, fil-30 ta' Novembru 2002, kienet tintuża bħala mergħa permanenti, għall-uċuħ tar-raba' b'mod permanenti jew għall-imsaġar jew kienet użuta għal għanijiet mhux agrikoli. Għal Ċipru applikazzjonijiet għall-pagamenti ma jistgħux isiru fir-rigward ta' art li, fl-1 ta' Diċembru 2002, kienet tintuża bħala mergħa permanenti, għall-uċuħ tar-raba' b'mod permanenti jew għall-imsaġar jew kienet użuta għal għanijiet mhux agrikoli.";

(e) Fl-Artikolu 7, it-tielet u r-raba' paragrafu jinbidlu b’dan li ġej:

"Stati Membri jistgħu wkoll ma jimxux mad-disposizzjonijiet ta’ l-ewwel u t-tieni sub-paragrafu f'ċerti ċirkustanzi speċifiċi li għandhom x’jaqsmu ma’ forma jew oħra ta’ intervent pubbliku meta b’riżultat ta’ dan l-intervent, sabiex ikompli l-attivita' agrikola normali tiegħu xi bidwi jkabbar l-uċuħ fuq art li qabel kienet titqies ineliġibbli u l-intervent ikkonċernat ifisser li art li oriġinarjament kienet eliġibbli ma tibqax, bir-riżultat li l-ammont totali ta’ art eliġibbli ma jiżdiedx b’mod sinifikanti.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu ma jimxux ma’ l-ewwel u t-tieni sub-paragrafu, f'ċerti każijiet li ma jaqgħux taħt iż-żewġ sub-paragrafi ta’ qabel, jekk jipprovdu evidenza fi pjan li jkun sottomess lill-Kumissjoni li l-ammont totali ta’ art eliġibbli jibqa' l-istess.";

(f) Fl-Anness II, jiżdied dan li ġej:

"ĊIPRU

L-UNGERIJA";

(g) L-Anness III jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS III

AREI MASSIMI GARANTITI LI JIRĊIEVU S-SUPPLIMENT TAL-PAGAMENT GĦALL-AREA GĦALL-QAMĦ DURUM

(ettari)

| | |
|---|---|
| Il-Greċja | 617 000 |
| Spanja | 594 000 |
| Franza | 208 000 |
| L-Italja | 1 646 000 |
| Ċipru | 6 183 |
| L-Awstrija | 7 000 |
| Il-Portugall | 118 000 |
| L-Ungerija | 2 500 |

"

(h) L-Anness IV jinbidel b’dan li ġej:

"ANNESS IV

AREI MASSIMI GARANTITI LI JIRĊIEVU L-GĦAJNUNA SPEĊJALI GĦALL-QAMĦ DURUM

| | (ettari) |
|---|---|
| Il-Ġermanja | 10 000 |
| Spanja | 4 000 |
| Franza | 50 000 |
| L-Italja | 4 000 |
| L-Ungerija | 4 305 |
| Is-Slovakkja | 4 717 |
| Ir-Renju Unit | 5 000 |

"

(i) Jiżdied l-Anness li ġej:

"ANNESS VI

Arei ta' bażi nazzjonali u produzzjoni ta' riferenza fir-Repubblika Ċeka, fl-Estonja, f'Ċipru, fil-Latvja, fil-Litwanja, fl-Ungerija, f'Malta, fil-Polonja, fis-Slovenja u fis-Slovakkja

| | area ta' bażi (ettari) | Produzzjoni ta' riferenza (tunnellati metriċi kull ettaru) |
|---|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | 2 253 598 | 4,20 |
| L-Estonja | 362 827 | 2,40 |
| Ċipru | 79 004 | 2,30 |
| Il-Latvja | 443 580 | 2,50 |
| Il-Litwanja | 1 146 633 | 2,70 |
| L-Ungerija | 3 487 792 | 4,73 |
| Malta | 4 565 | 2,02 |
| Il-Polonja | 9 454 671 | 3,00 |
| Is-Slovenja | 125 171 | 5,27 |
| Is-Slovakkja | 1 003 453 | 4,06 |

"

24. 31999 R 1254: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21), kif emendat bi:

– 32001 R 1455: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1455/2001 tat-28.6.2001 (ĠU L 198, 21.7.2001, p. 58),

– 32001 R 1512: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1512/2001 tat-23.7.2001 (ĠU L 201, 26.7.2001, p. 1),

– 32001 R 2345: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2345/2001 tat-30.11.2001 (ĠU L 315, 1.1.2001, p. 29).

(a) L-Artikolu 7(2) jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw li mill-1 ta' Jannar 2000, l-ammont tad-drittijiet għall-*premium* fuq it-territorju tagħhom ma jaqbiżx il-limiti nazzjonali stipulati fl-Anness II u li r-riżervi nazzjonali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 9 ikunu jistgħu jiġu stabbiliti. Ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja għandhom jallokaw limiti individwali lill-produtturi u għandhom jistabilixxu r-riżervi nazzjonali min-numru globali tad-drittijiet għall-*premium* riżervat għal kull wieħed minn dawn l-Istati Membri kif stipulat fl-Anness II, mhux aktar tard minn sena wara d-data ta' l-adeżjoni.";

(b) Fl-Artikolu 11(3), jiżdied is-sub-paragrafu li ġej:

"Għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja il-limiti nazzjonali għandhom ikunu dawk li hemm fit-tabella li ġejja.

*Premium* għall-qatla:

| | Barrin, gniedes, baqar u għoġġiela | Għoġġiela ta' aktar minn xahar u ta' anqas minn seba' xhur u li l-piż tal-karkassa huwa ta' anqas minn 160 kg |
|---|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | 483 382 | 27 380 |
| L-Estonja | 107 813 | 30 000 |
| Ċipru | 21 000 | - |
| Il-Latvja | 124 320 | 53 280 |
| Il-Litwanja | 367 484 | 244 200 |
| L-Ungerija | 141 559 | 94 439 |
| Malta | 6 002 | 17 |
| Il-Polonja | 1 815 430 | 839 518 |
| Is-Slovenja | 161 137 | 35 852 |
| Is-Slovakkja | 204 062 | 62 841 |

"

(ċ) Fl-Artikolu 16(1), l-ewwel sub-paragrafu, jiżdied l-inċiż li ġejja:

"- Għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja: daqs il-limiti massimi li hemm fl-Anness I jew daqs in-numru medju ta' qatliet ta' bhejjem tal-frat maskili matul is-snin 2001, 2002 u 2003 li joħorġu mill-istatistiċi ta' l-Eurostat għal dawn is-snin jew minn xi informazzjoni statistika uffiċjali ippubblikata għal dawn is-snin li hi aċċettata mill-Kummissjoni.";

(d) Fl-Artikolu 16(4), jiżdied is-sub-paragrafu li ġej:

"Għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja is-snin ta' referenza għandhom ikunu l-2001, l-2002 u l-2003.";

(e) Fl-Artikolu 17(2), jiżdied is-sub-paragrafu li ġej:

"Għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja is-snin ta' referenza għandhom ikunu l-1999, l-2000 u l-2001".

(f) Wara l-Artikolu 17, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 17a

L-ammonti globali imsemmija fl-Artikolu 14(1) u l-pagament bl-area massimu għal kull ettaru ta' EUR 350 imsemmi fl-Artikolu 17(3) għandhom ikunu applikati skond l-iskeda ta' inkrementi kif hemm fl-Artikolu 1a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1259/1999.";

(g) L-Anness I jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS I

*PREMIUM* SPEĊJALI

Il-limiti massimi reġjonali ta' l-Istati Membri li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 4(4)

| | |
|---|---|
| Il-Belġju | 235 149 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 244 349 |
| Id-Danimarka | 277 110 |
| Il-Ġermanja | 1 782 700 |
| L-Estonja | 18 800 |
| Il-Greċja | 143 134 |
| Spanja | 713 999 [1] |
| Franza | 1 754 732 [2] |
| L-Irlanda | 1 077 458 |
| L-Italja | 598 746 |
| Ċipru | 12 000 |
| Il-Latvja | 70 200 |
| Il-Litwanja | 150 000 |
| Il-Lussemburgu | 18 962 |
| L-Ungerija | 94 620 |
| Malta | 3 201 |
| L-Olanda | 157 932 |
| L-Awstrija | 423 400 |
| Il-Polonja | 926 000 |
| Il-Portugall | 175 075 [3] |
| Is-Slovenja | 92 276 |
| Is-Slovakkja | 78 348 |
| Il-Finlandja | 250 000 |
| L-Isvezja | 250 000 |
| Ir-Renju Unit | 1 419 811 [4] |

(1) Bla ħsara għar-regoli speċifiċi stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1454/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jdaħħal miżuri speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli għall-Gzejjer Kanari u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru. 1601/92 (Poseican).

(2) Bla ħsara għar-regoli speċifiċi stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1452/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jdaħħal miżuri speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli għad-dipartimenti *overseas* Franċiżi, li jemenda d-Direttiva 72/462/KEE u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru. 525/77 u (KEE) Nru. 3763/91 (Poseidom).

(3) Bla ħsara għar-regoli speċifiċi stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1453/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jdaħħal miżuri speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli għall-Azores u Madejra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru. 1600/92 (Poseima). Minbarra l-programm ta' estensifikazzjoni stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1017/94 tas-26 ta' April 1994 li jikkonċerna l-bdil ta' art li fil-mument tintuża għall-uċuħ maħruta f'art għat-tkabbir estensiv tal-bhejjem fil-Portugall (ĠU L 112, 3.5.1994, p. 2). Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 2582/2001 (ĠU L 345, 29.12.2001, p. 5)

(4) Dan il-limitu huwa miżjud temporarjament b'100 000 sa 1 519 811 ras sakemm bhejjem ħajjin ta' anqas minn sitt xhur jistgħu jiġu esportati.".

(h) L-Anness II jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS II

*PREMIUM* GĦALL-BAQAR LI JREDDGĦU

Limiti massimi nazzjonali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 7(2) applikabbli mill-1 ta' Jannar 2000

| | |
|---|---|
| Il-Belġju | 394 253 |
| Ir-Repubblika Ċeka * | 90 300 |
| Id-Danimarka | 112 932 |
| Il-Ġermanja | 639 535 |
| L-Estonja * | 13 416 |
| Il-Greċja | 138 005 |
| Spanja [1] | 1 441 539 |
| Franza [2] | 3 779 866 |
| L-Irlanda | 1 102 620 |
| L-Italja | 621 611 |
| Ċipru * | 500 |
| Il-Latvja * | 19 368 |
| Il-Litwanja * | 47 232 |
| Il-Lussemburgu | 18 537 |
| L-Ungerija * | 117 000 |
| Malta * | 456 |
| L-Olanda | 63 236 |
| L-Awstrija | 325 000 |
| Il-Polonja * | 325 581 |
| Il-Portugall [3] | 277 539 |
| Is-Slovenja * | 86 384 |
| Is-Slovakkja * | 28 080 |
| Il-Finlandja | 55 000 |
| L-Isvezja | 155 000 |
| Ir-Renju Unit | 1 699 511 |

* Applikabbli mid-data ta' l-adeżjoni

[1] Minbarra l-limitu speċifiku stipulat fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru. 1454/2001 u r-riżerva speċifika stipulata fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru. 1017/94.

[2] Minbarra l-limitu speċifiku stipulat fl-Artikolu 9(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru. 1452/2001.

[3] Minbarra l-limitu speċifiku stipulat fl-Artikolu 13(3) u fl-Artikolu 22(3) tar-Regolament (KE) Nru. 1453/2001.".

(i) L-Anness IV jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS IV

PAGAMENTI ADDIZZJONALI

Ammonti globali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 14

(f'miljuni ta' euro)

| | 2002 u s-snin ta' wara |
|---|---|
| Il-Belġju | 39,4 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 8,776017 |
| Id-Danimarka | 11,8 |
| Il-Ġermanja | 88,4 |
| L-Estonja | 1,13451 |
| Il-Greċja | 3,8 |
| Spanja | 33,1 |
| Franza | 93,4 |
| L-Irlanda | 31,4 |
| L-Italja | 65,6 |
| Ċipru | 0,308945 |
| Il-Latvja | 1,33068 |
| Il-Litwanja | 4,942267 |
| Il-Lussemburgu | 3,4 |
| L-Ungerija | 2,936076 |
| Malta | 0,0637 |
| L-Olanda | 25,3 |
| L-Awstrija | 12,0 |
| Il-Polonja | 27,3 |
| Il-Portugall | 6,2 |
| Is-Slovenja | 2,964780 |
| Is-Slovakkja | 4,500535 |
| Il-Finlandja | 6,2 |
| L-Isvezja | 9,2 |
| Ir-Renju Unit | 63,8 |

".

25. 31999 R 1255: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1255/1999 tas-17 ta’ Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48), kif emendat bi:

– 32000 R 0999: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 999/2000 tat-12.5.2000 (ĠU L 114, 13.5.2000, p. 9),

– 32000 R 1040: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1040/2000 tas-16.5.2000 (ĠU L 118, 19.5.2000, p. 1),

– 32000 R 1526: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1526/2000 tat-13.7.2000 (ĠU L 175, 14.7.2000, p. 55),

– 32000 R 1670: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1670/2000 ta’ l-20.7.2000 (ĠU L 193, 29.7.2000, p. 10),

– 32002 R 0509: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 509/2002 tal-21.3.2002 (ĠU L 79, 22.3.2002, p. 15).

(a) Fl-Artikolu 16(3), jiżdied is-sub-paragrafu li ġej:

"Għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja il-perijodu ta' 12-il xahar li hemm referenza għalih fis-sub-paragrafu ta' qabel għandu jkun dak ta' 2004/2005.";

(b) Wara l-Artikolu 19, jiżdied l-Artikolu 19a li ġej:

"Artikolu 19a

L-ammonti globali imsemmija fl-Artikolu 17(1), l-ammonti globali għall-prodotti tal-ħalib u s-supplement tal-*premium* imsemmija fl-Artikolu 18(2) u l-pagament bl-area massimu għal kull ettaru ta' EUR 350 imsemmi fl-Artikolu 19(3) għandhom jiġu applikati bl-iskeda ta' inkrementi kif hemm fl-Artikolu 1 (a) tar-Regolament tal-Kunsilll (KE) Nru. 1259/1999.";

(ċ) L-Anness I jinbidel b’dan li ġej:

"ANNESS I

PAGAMENTI ADDIZZJONALI:AMMONTI GLOBALI LI HEMM REFERENZA GĦALIHOM FL-ARTIKOLU 17

(f'miljuni ta’ EUR)

| | 2005 | 2006 | 2007 u s-snin kalendarji ta’ wara |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 8,6 | 17,1 | 25,7 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 6,9 | 13,87 | 20,8 |
| Id-Danimarka | 11,5 | 23,0 | 34,5 |
| Il-Ġermanja | 72,0 | 144,0 | 216,0 |
| L-Estonja | 1,6 | 3,2 | 4,85 |
| Il-Greċja | 1,6 | 3,3 | 4,9 |
| Spanja | 14,4 | 28,7 | 43,1 |
| Franza | 62,6 | 125,3 | 187,9 |
| L-Irlanda | 13,6 | 27,1 | 40,7 |
| L-Italja | 25,7 | 51,3 | 77,0 |
| Ċipru | 0,4 | 0,75 | 1,1 |
| Il-Latvja | 1,8 | 3,6 | 5,4 |
| Il-Litwanja | 4,25 | 8,5 | 12,8 |
| Il-Lussemburgu | 0,7 | 1,4 | 2,1 |
| L-Ungerija | 5,0 | 10,1 | 15,1 |
| Malta | 0,13 | 0,25 | 0,38 |
| L-Olanda | 28,6 | 57,2 | 85,8 |
| L-Awstrija | 7,1 | 14,2 | 21,3 |
| Il-Polonja | 23,1 | 46,3 | 69,6 |
| Il-Portugall | 4,8 | 9,7 | 14,5 |
| Is-Slovenja | 1,45 | 2,9 | 4,35 |
| Is-Slovakkja | 2,6 | 5,2 | 7,9 |
| Il-Finlandja | 6,2 | 12,4 | 18,6 |
| L-Isvezja | 8,5 | 17,1 | 25,6 |
| Ir-Renju Unit | 37,7 | 75,4 | 113,1 |

".

26. 31999 R 1257: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija Agrikola (EAGGF) u li emenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80).

1. It-Titolu li ġej jidħol wara l-Kapitoli IX tat-Titolu II:

"IL-KAPITOLU IXa

MIŻURI SPEĊIFIĊI GĦALL-ISTATI MEMBRI L-ĠODDA

SUB-KAPITOLU I

APPOĠĠ ADDIZZJONALI APPLIKABBLI GĦALL-ISTATI MEMBRI L-ĠODDA KOLLHA

ARTIKOLU 33a

Disposizzjonijiet ġenerali

Dan is-Sub-Kapitolu jistipula l-kondizzjonijiet li taħthom għandu jingħata appoġġ addizzjonali kumplimentari għal dak taħt il-Kapitoli I sa IX għal miżuri transitorji għall-iżvilupp rurali fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja (minn hawn 'l isfel magħrufa bħala "l-Istati Membri l-ġodda") biex ikunu ndirizzati il-bżonnijiet speċifiċi ta' l-Istati Membri l-ġodda matul il-perijodu ta' programmazzjoni 2004-2006.

ARTIKOLU 33b

Appoġġ għall-azjendi ta’ semi-sussistenza li għaddejin minn fażi ta’ ristruttura

1. L-Appoġġ għall-azjendi ta’ semi-sussistenza li għaddejin minn fażi ta’ ristrutturar għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet li ġejjin:

(a) biex jgħin itaffi l-problemi transitorji rurali billi s-settur agrikolu u l-ekonomija rurali ta’ l-Istati Membri l-ġodda huma esposti għall-pressjoni ta’ kompetizzjoni tas-suq waħdieni;

(b) biex jiffaċilita u jinkoraġġixxi ir-ristrutturar ta’ azjendi li għad mhumiex ekonomikament vijabbli.

Għall-għanijiet ta’ dan l-Artikolu, "azjendi ta’ semi-sussistenza" għandhom ifissru azjendi li prinċipalment jipproduċu għall-konsum minnhom stess, iżda li jikkumerċjalizzaw parti mill-*output* tagħhom.

2. Biex igawdu minn dan l-appoġġ, il-bidwi għandu jippreżenta pjan tan-negozju li:

(a) juri l-vijabbilta' ekonomika fil-futur ta' l-azjenda;

(b) ikollu dettalji ta' l-investimenti meħtieġa;

(ċ) jiddiskrivi b'mod speċifiku fejn irid jasal u l-miri tiegħu.

3. Il-konformità mal-pjan tan-negozju imsemmi fil-paragrafu 2 għandha tkun eżaminata wara tliet snin. Jekk l-objettivi li hemm fil-pjan ikunu għadhom ma ntalħqux sakemm isir l-eżami ta' tliet snin, ma għandu jingħata l-ebda appoġġ ieħor, iżda ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li l-flus li jkunu diġa tħallsu jintraddu lura.

4. L-appoġġ għandu jitħallas kull sena f'forma ta' għajnuna b' rata fissa sa l-ammont massimu eliġibbli speċifikat fl-Anness II u għal perijodu li ma jaqbiżx il-ħames snin.

ARTIKOLU 33ċ

Appoġġ biex ikun hemm konformità ma' l-*istandards* tal-Komunità

1. Jista' jingħata appoġġ biex jgħin lill-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda biex jadattaw għall-*istandards* stabbiliti mill-Komunità fl-oqsma ta' l-ambjent; is-saħħa pubblika, tal-bhejjem u tal-pjanti; it-trattament xieraq tal-bhejjem u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol saż-żmien li l-*istandard* meħtieġ għandu jintlaħaq.

2. Il-bdiewa għandhom ikunu intitolati għall-appoġġ jekk:

(a) igawdu mill-appoġġ għall-investiment skond il-Kapitolu I, li għandu jwassal sabiex jintlaħaq l-*istandard* rilevanti; jew

(b) jipprovdu pjan għat-titjib fil-livell u/jew bdil fil-mod ta' kif irabbu l-bhejjem skond ma hu meħtieġ biex jikkonformaw ma' l-istandards minimi rilevanti li jkun ippreparat jew iċċertifikat minn persuna b'esperjenza rikonoxxuta.

L-appoġġ għandu jkun disponibbli biss għal dawk il-bdiewa li jkunu jistgħu juru li l-azjenda agrikola tagħhom hija ekonomikament vijabbli jew li għandha tkun ekonomikament vijabbli meta jispiċċa l-appoġġ.

3. L-appoġġ għandu jingħata kull sena fuq bażi digressiva, u għandu jonqos għal żero fi kwoti ndaqs. Għandu jitħallas saż-żmien sa meta l-*istandard* għandu jintlaħaq u għal mhux aktar minn ħames snin.

Il-ħlas għandu jkun stabbilit fl-livell li jevita l-kumpens żejjed. Meta jkun qed jiġi stabbilit il-livell ta' l-appoġġ fis-sena, għandu jittieħed kont ta' dħul li jintilef u ta' l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' investimenti u tagħbija tax-xogħol addizzjonali.

L-ammont massimu eliġibbli għall-appoġġ mill-Komunità fl-ewwel sena huwa stipulat fl-Anness II. Jekk l-appoġġ ma jkunx jista' jiġi kkalkulat abbażi ta' area, ammont xieraq ieħor jista' jkun stabbilit fil-qafas tal-proċess ta' l-ipprogrammar.

ARTIKOLU 33d

Gruppi ta' produtturi

1. Appoġġ b'rata fissa għandu jingħata sabiex ikunu faċilitati it-twaqqif u l-ħidma amministrattiva ta' gruppi ta' produtturi li l-għanijiet tagħhom huma li:

(a) jadattaw il-produzzjoni u l-*output* tal-produtturi li huma membri ta' dawn il-gruppi għall-ħtiġiet tas-suq;

(b) flimkien iqiegħdu prodotti fis-suq, li jinkludi l-preparazzjonijiet biex isir il-bejgħ, iċ-ċentralizzazzjoni tal-bejgħ, u l-forniment lix-xerrejja bi rfus; u

(ċ) jistabbilixxu regoli komuni dwar l-informazzjoni fuq il-produzzjoni, speċjalment fejn għandhom x'jaqsmu l-ġbir ta' l-għelejjel u d-disponibbilta'.

2. L-appoġġ għandu jingħata biss lil gruppi ta' produtturi li huma formalment rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-ġodda bejn id-data ta' l-adeżjoni u t-tmiem tal-perijodu ta' programmazzjoni abbażi kemm tal-liġi nazzjonali u kemm dik tal-Komunità.

3. L-appoġġ għandu jingħata f'pagamenti fis-sena għall-ewwel ħames snin wara d-data li fiha kien rikonoxxut il-grupp ta' produtturi. Għandu jkun ikkalkulat abbażi tal-produzzjoni kkummerċjalizzata fis-sena tal-grupp u ma għandux jaqbeż:

(a) 5%, 5%, 4%, 3% u 2% tal-valur tal-produzzjoni sa EUR 1 000 000 li hija kkummerċjalizzata fl-ewwel, fit-tieni, fit-tielet, fir-raba' u fil-ħames sena rispettivament, u

(b) 2,5%, 2,5%, 2,0%, 1,5% u 1,5% tal-valur tal-produzzjoni 'l fuq minn EUR 1 000 000 li hija ikkummerċjalizzata fl-ewwel, fit-tieni, fit-tielet, fir-raba' u fil-ħames sena rispettivament.

F'kull każ, l-appoġġ ma għandux jaqbeż l-ammonti massimi eliġibbli stipulati fl-Anness II.

Fil-każ ta' Malta, tista' tkun stabbilita għajnuna minima għal xi settur tal-produzzjoni fejn l-*output* globali huwa żgħir ferm.  Is-settur li jkun u l-livell ta' għajnuna għandhom ikunu ddeterminati mill-Kummissjoni.

Artikolu 33e

Għajnuna teknika

1. L-appoġġ jista' jingħata għall-miżuri ta' preparazzjoni, sorveljanza, evalwazzjoni u kontroll li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-dokumenti ta' l-ipprogrammar ta' l-iżvilupp rurali.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu b'mod partikolari:

(a) studji;

(b) miżuri ta' għajnuna teknika, l-iskambju ta' esperjenzi u informazzjoni immirata lejn l-imsieħba, il-benefiċjarji u l-pubbliku in ġenerali;

(ċ) l-installazzjoni, it-tħaddim u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għat-tmexxija, is-sorveljanza u l-evalwazzjoni;

(d) titjib fil-metodi ta' evalwazzjoni u skambju ta' informazzjoni dwar il-prattiċi wżati f'dan il-qasam.

ARTIKOLU 33f

Miżuri tat-tip Leader+

1. Jista' jingħata appoġġ għal miżuri li għandhom x’jaqsmu ma’ l-akkwist ta’ kapaċitajiet intiżi biex jippreparaw lill-komunitajiet rurali biex joħolqu u jimplimentaw strateġiji għall-iżvilupp rurali tal-lokal.

Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, b’mod partikolari:

(a) appoġġ tekniku għal studji dwar l-area lokali, u dijanjosi territorjali li tieħu konsiderazzjoni tax-xewqat magħmula min-nies konċernati;

(b) informazzjoni u taħriġ għan-nies sabiex tkun inkoraġġita parteċipazzjoni ħajja fil-proċess ta’ żvilupp;

(ċ) il-bini ta’ sħubija rappreseżentattivi għall-iżvilupp tal-lokal;

(d) it-tfassil ta’ strateġiji għal żvilupp integrat;

(e) l-iffinanzjar tar-riċerka u l-preparazzjoni ta’ l-applikazzjoni għall-appoġġ.

2. Jista' jingħata appoġġ sabiex ikunu adottati strateġiji għall-iżvilupp rurali integrat tat-territorju, tax-xorta ta' proġetti-pilota, ippreparati minn gruppi ta' azzjoni lokali skond il-prinċipji stipulati fil-punti 12 u 14 ta' l-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri ta' l-14 ta' April 2000 li jistipula linji-gwida għall-inizjattiva Komunitarja għall-iżvilupp rurali (Leader +)*. Dan l-appoġġ għandu jkun limitat għal reġjuni fejn hemm diġa kapaċità amministrattiva suffiċjenti u esperjenza ta' kif għandhom isiru tipi ta' żviluppi rurali lokali.

3. Il-gruppi ta' azzjoni lokali imsemmija fil-paragrafu 2 jistgħu ikunu eliġibbli sabiex jipparteċipaw f'azzjonijiet bejn it-territorji u trans-nazzjonali skond il-prinċipji stipulati fil-partiti 15 sa 18 ta' l-Avviż tal-Kummissjoni imsemmi fil-paragrafu 2.

4. L-Istati Membri l-ġodda u gruppi ta' azzjoni lokali għandhom jingħataw aċċess għall-Osservatorju ta' Arei Rurali li hemm fil-punt 23 ta' l-Avviż tal-Kummissjoni msemmi fil-paragrafu 2.

ARTIKOLU 33g

Servizzi ta' konsulenza u ta' estenzjoni agrikoli

B'żieda mal-miżura li hemm fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 33, għandu jingħata appoġġ għall-provvista ta' servizzi ta' konsulenza u ta' estenzjoni agrikoli.

ARTIKOLU 33h

Komplementi għal pagamenti diretti

1. Appoġġ jista' jingħata, bħala miżura temporanja u sui generis, lill-bdiewa li huma eliġibbli għall-pagamenti diretti nazzjonali jew għajnuniet komplementari taħt l-Artikolu 1ċ tar-Regolament (KE) Nru. 1259/1999** matul il-perijodu 2004-2006 biss.

2. L-appoġġ mogħti lil xi bidwi fir-rigward tas-snin 2004, 2005, 2006 ma għandux jaqbeż id-differenza bejn:

(a) il-livell tal-pagamenti diretti applikabbli fl-Istati Membri l-ġodda għas-sena li tkun skond l-Artikolu 1a tar-Regolament (KE) Nru. 1259/1999 jew l-Artikolu 1b(2) ta' dak ir-Regolament; u

(b) 40% tal-livell ta' pagamenti diretti applikabbli fil-Komunità kif kostitwita fit-30 ta' April 2004 fis-sena rilevanti.

3. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-appoġġ mogħti taħt dan l-Artikolu f'xi Stat Membru ġdid fir-rigward ta' kull waħda mis snin 2004, 2005 u 2006 ma għandhiex taqbeż l-20% ta' l-allokazzjoni annwali rispettiva tagħha. Madankollu, Stat Membru ġdid jista' jibdel din ir-rata annwali ta' 20% bir-rati li ġejjin:  25% għall-2004, 20% għall-2005 u 15% għall-2006.

4. L-appoġġ mogħti lil xi bidwi taħt dan l-Artikolu għandu jingħadd:

(a) fil-każ ta' Ċipru, bħala għajnuna diretta nazzjonali komplementari għall-għanijiet li jkunu applikati l-ammonti globali msemmija fl-Artikolu 1ċ(3) tar-Regolament (KE) Nru. 1259/1999;

(b) fil-każ ta' kull Stat Membru ġdid ieħor, bħala pagamenti diretti nazzjonali jew għajnuniet komplementari, skond il-każ, għall-għanijiet li jkunu applikati l-livelli massimi li hemm fl-Artikolu 1ċ(2) tar-Regolament (KE) Nru. 1259/1999.

SUB-KAPITOLU II

APPOĠĠ ADDIZZJONALI APPLIKABBLI GĦAL MALTA

ARTIKOLU 33i

Komplementi għall-Għajnuna mogħtija mill-Istat f'Malta

1. F'Malta, l-appoġġ jista' jingħata lill-benefiċjarji ta' għajnuna mogħtija mill-Istat temporanja u speċjali taħt il-Programm Speċjali tal-Politika tas-Suq għall-Agrikoltura Maltija (PSPSAM) li jipprovdi għalih l-Anness XI, il-Kapitolu 4 dwar l-Agrikoltura, Parti A, il-punt 1 għal dan l-Att.

2. B’deroga mill-Artikolu 33h(3), il-kontribuzzjoni globali tal-Komunità għall-appoġġ mogħti f'Malta taħt dan l-Artikolu u l-Artikolu 33h fir-regward ta’ kull waħda mis-snin 2004, 2005 u 2006 ma għandhiex taqbeż l-20% ta’ l-allokazzjoni annwali ta’ dik is-sena. Madankollu, Malta tista’ tibdel din ir-rata annwali ta’ 20% bir-rati li ġejjin: 25% għall-2004, 20% għall-2005 u 15% għall-2006.

3. L-appoġġ mogħti taħt dan l-Artikolu għandu jgħodd bħala għajnuna mogħtija mill-Istat temporanja u speċjali taħt il-PSPSAM għall-għanijiet ta’ l-applikazzjoni ta’ l-ammonti massimi li hemm f'dak il-programm.

ARTKOLU 33j

Bdiewa *full-time* f'Malta

Għandu jingħata appoġġ temporanju speċifiku lill-bdiewa *full-time* sabiex ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għat-tibdiliet fl-ambjent tas-suq li jirriżultaw mit-tneħħija ta’ l-imposti ma’ l-adeżjoni.

L-appoġġ għandu jitħallas kull sena fuq bażi digressiva għall-perijodu ta’ mhux aktar minn ħames snin. Għandhom ikunu previsti tliet tipi ta’ pagamenti:

(a) pagament għal kull ettaru ta’ raba saqwi;

(b) pagament għal kull ettaru ta’ raba li mhux saqwi;

(ċ) pagament għal kull unita' ta’ bhejjem għal razzett tal-bhejjem.

Il-ħlas għandu jkun stabbilit b’relazzjoni mat-tnaqqis mistenni fid-dħul ta’ l-azjenda minħabba t-tneħħija ta’ l-imposti, u t-tnaqqis li jirriżulta fil-prezzijiet tal-prodotti agrikoli. Il-ħlas għandu jkun stabbilit f’livell li jevita l-kumpens żejjed, b’mod partikolari fejn għandha x’taqsam l-għajnuna mogħtija mill-Istat għal prodotti speċifiċi taħt il-PSPSAM.

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-ammonti massimi eliġibbli għal kull azjenda agrikola għat-tliet kategoriji ta’ ħlas.

SUB-KAPITOLU III

DEROGI

ARTIKOLU 33k

Disposizzjonijiet ġenerali

Dan is-Sub-kapitolu jistipula l-każijiet fejn l-Istati Membri l-ġodda jistgħu jidderogaw mill-kriterji ta' eliġibbilità stipulati għall-miżuri definiti fil-Kapitoli I, IV, V u VII.

ARTIKOLU 33l

Derogi applikabbli għall-Istati Membri l-ġodda kollha

1. B'deroga mill-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 5, għandu jingħata appoġġ għall-investiment lill-azjendi agrikoli li fil-każ tagħhom jista' jintwera li hemm vijabilità ekonomika meta jitlesta l-investiment.

2. B'deroga mit-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 7, l-ammont globali ta' appoġġ għall-investiment f' azjendi agrikoli, imfisser bħala persentaġġ tal-volum ta' l-investiment eliġibbli, għandu jkun limitat sa massimu ta' 50% u, f'arei żvantaġġati għal 60%. Fejn l-investimenti jkunu magħmula minn bdiewa żgħażagħ, kif imsemmi fil-Kapitolu II, dawn il-persentaġġi jistgħu jilħqu massimu ta' 55% u, f'arei żvantaġġati ta' 65%.

3. B'deroga mit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 26(1), l-appoġġ għall-investiment għandu jingħata lill-intrapriżi li jkunu ngħataw perijodu transitorju wara l-adeżjoni sabiex jilħqu l-istandards minimi fir-rigward ta' l-ambjent, l-iġjene u t-trattament xieraq tal-bhejjem. F'dan il-każ, l-intrapriża għandha tikkonforma ma' l-istandards rilevanti sa l-aħħar tal-perijodu transitorju speċifiku jew sa l-aħħar tal-perijodu ta' investiment, skond liema jiġi l-ewwel.

4. B'deroga mill-Artikolu 29(5), il-klassifikazzjoni ta' l-arei li fihom jeżisti r-riskju ta' nirien fil-foresti għandha tkun sottomessa bħala parti mill-pjan għall-iżvilupp rurali.

ARTIKOLU 33m

Derogi applikabbli għall-Istati Membri l-ġodda b'mod individwali

1. B'deroga mit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 11(1), bdiewa fil-Litwanja li ġew allokati kwota fuq il-ħalib, għandhom ikunu eliġibbli għall-skema ta' irtirar kmieni bil-kondizzjoni li jkollhom inqas minn 70 sena meta jsir it-trasferiment.

L-ammont għall-appoġġ għandu jkun soġġett għall-ammonti massimi li hemm fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u għandu jkun ikkalkulat b'relazzjoni mad-daqs tal-kwota fuq il-ħalib u l-attivita' globali ta' biedja f'l-azjenda.

Il-kwoti fuq il-ħalib allokati lil min jitrasferixxi għandhom ikunu mdaħħla mill-ġdid fil-kwota nazzjonali fuq il-ħalib mingħajr ma jsir xi ħlas addizzjonali ta' kumpens.

2. B'deroga mill-Artikolu 21, Malta tista' taqbeż il-limitu ta' 10% stipulat għad-daqs totali ta' l-arei imsemmija fl-Artikolu 20.

B'deroga mill-Artikolu 24(2), l-ammonti massimi kull sena li huma eliġibbli għall-appoġġ mill-Komunità stipulat fl-Anness I jista' jiżdied fil-każ tal-miżura biex ikunu miżmumż u ppreservati il-ħitan tas-sejjieħ f'Malta. Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi l-ammont massimu għal kull ettaru li għandu jitħallas taħt din id-deroga.

3. B'deroga mill-Artikolu 31(1), jista' jingħata appoġġ mill-Estonja għall-afforestazzjoni ta' art agrikola abbandunata bil-kondizzjoni li din l-art kienet tintuża matul il-ħames snin ta' qabel. F'dan il-każ, dan l-appoġġ jista' jinkludi biss, flimkien ma' l-ispejjeż tat-taħwil, il-*premium* annwali għal kull ettaru għall-ewwel inċiż tat-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 31(1).

---

* ĠU C 139, 18.5.2000, p. 5.

** Ir-Regolament (KE) Nru. 1259/1999 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 113). Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru. 1244/2001 (ĠU L 173, 27.6.2001, p. 1)".

2. Fl-Artikolu 34, l-inċiż li ġej jidħol fl-aħħar tat-tieni sub-paragrafu:

"– il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-miżuri speċifiċi għall-Istati Membri l-ġodda (Kapitolu IXa)"

3. Fl-Artikolu 42, jiżdied dan il-paragrafu li ġej:

"Għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja l-pjanijiet għall-iżvilupp rurali għandhom ikopru perijodu ta' tliet snin mill-1 ta' Jannar 2004."

4. Fl-Artikolu 44(1), jiżdied dan is-sub-paragrafu li ġej:

" Il-pjanijiet għall-iżvilupp rurali għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja għandhom ikunu ġew sottomessi mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-data ta' l-adeżjoni."

5. Fl-Artikolu 44(2), jiżdied is-sub-paragrafu li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tapprova id-dokumenti ta' l-ipprogrammar ta' l-iżvilupp rurali għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 50(2) tar-Regolament (KE) Nru. 1260/1999 fi żmien sitt xhur wara li l-pjanijiet ikunu sottomessi sakemm l-aħħar tal-perijodu ta' sitt xhur jiġi wara d-data ta' l-adeżjoni."

6. It-Titolu li ġej jidħol wara l-Kapitolu IV tat-Titolu III:

"KAPITOLU IVa

DISPOSIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-ISTATI MEMBRI L-ĠODDA

ARTIKOLU 47a

1. Appoġġ mill-Komunità mogħti lill-Istati Membri l-ġodda għal:

(a) miżuri msemmija fl-Artikolu 35(1) u fit-tieni inċiż ta’ l-Artikolu 35(2);

(b) azjendi ta' semi-sussistenza (l-Artikolu 33b);

(ċ) konformità ma’ l-*istandards* Komunitarji (l-Artikolu 33ċ);

(d) gruppi ta’ produtturi (l-Artikolu 33d);

(e) għajnuna teknika (l-Artikolu 33e);

(f) komplementi għal pagamenti diretti (l-Artikolu 33h);

(g) komplementi għal għajnuna mogħtija mill-Istat f’Malta (l-Artikolu 33i);

(h) bdiewa *full-time* f'Malta (l-Artikolu 33j);

għandu jkun iffinanzjat mis-Sezzjoni Garanziji tal-EAGGF skond id-disposizzjonijiet stipulati f'dan il-Kapitolu.

2. L-appoġġ mill-Komunità mogħti għal miżuri tat-tip Leader+ (l-Artikolu 33f) f'arei koperti mill-Objettiv Nru. 2 għandhom ikunu ffinanzjati mit-Taqsima Gwida tal-EAGGF.

3. Id-disposizzjonijiet li ġejjin ma għandhomx japplikaw:

(a) L-Artikoli 149 sa 153 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-budget ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej*;

(b) L-Artikoli 35(1), 35(2), it-tieni inċiż, 36(2) u 47 ta’ dan ir-Regolament.

ARTIKOLU 47b

1. Il-Komunità għandha tikkontribwixxi għall-iffinanzjar skond id-disposizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 29 sa 32 tar-Regolament (KE) Nru. 1260/1999.

Madankollu, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità tista' tlaħħaq għal 80% fl-arei koperti mill-Objettiv Nru. 1.

B'deroga mill-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru. 1260/1999, l-ispejjeż għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ biss jekk il-ħlas ikun fil-fatt sar lill-benefiċjarju ta' miżura ta' appoġġ għal żvilupp rurali wara il-31 ta' Diċembru 2003 u wara d-data li fiha il-pjan għal żvilupp rurali jkun gie sottomess lill-Kummissjoni. L-aħħar waħda min dawn id-data għandha tkun il-punt li minnu l-ispejjeż isiru eliġibbli.

2. Id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru. 1258/1999 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni** bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 5 u l-Artikolu 7(2) għandhom japplikaw.

---

[*] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1,

[**] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 103."

7. Fl-Artikolu 49(2), jiżdied is-sub-paragrafu li ġej:

"Għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, is-Sezzjoni Garanziji tal-EAGGF tista' tipparteċipa fl-iffinanzjar ta' l-evalwazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-iżvilupp rurali skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu IVa. L-ispejjeż fir-rigward ta' l-evalwazzjoni ex-ante għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ jekk ikunu ġew imħallsa mill-1 ta' Jannar 2004."

8. Fl-Artikolu 50, jiżdied is-sub-paragrafu li ġej:

"B'deroga mill-ewwel sub-paragrafu, disposizzjonijiet finanzjarji speċifiċi għall-Istati Membri l-ġodda, kif ukoll il-mekkaniżmi meħtieġa biex jiffaċilitaw l-introduzzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet finanzjarji, inklużi dawk meħtieġa biex isolvu l-problemi prattiċi speċifiċi, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru. 1258/1999."

9. Fl-Artikoli 8(2), l-ewwel inċiż, 12(1), 15(3), 16(3), 31(4) u fit-titolu ta' l-Anness, il-kelma "Anness" tinbidel b' "Anness I".

10. L-Anness li ġej jiżdied ma' l-Anness II:

"ANNESS II

Tabella bl-ammonti tal-miżuri speċifiċi għall-Istati Membri l-ġodda

| Artikolu | Suġġett | EUR | |
|---|---|---|---|
| Artikolu 33b | Azjendi ta' semi-sussistenza | 1 000 (1) | kull azjenda/ kull sena |
| Artikolu 33ċ | Konformità ma' l-istandards tal-Komunità | 200 | kull ettaru għall-ewwel sena |
| Artikolu 33d | Gruppi ta' produtturi | 100 000<br>100 000<br>80 000<br>60 000<br>50 000 | Għall-ewwel sena<br>Għat-tieni sena<br>Għat-tielet sena<br>Għar-raba' sena<br>Għall-ħames sena |

".

(1) Fil-każ tal-Polonja l-ammont massimu eliġibbli ma għandux jaqbeż EUR 1 250.

27. 31999 R 1259: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1259/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 113), kif emendat bi:

– 32001 R 1244:Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1244/2001 tad-19.6.2001 (ĠU L 173, 27.6.2001, p. 1).

(a) Fl-Artikolu 1, it-terminu "Anness" jinbidel b' "Anness I";

(b) L-Artikoli li ġejjin jiddaħħlu wara l-Artikolu 1:

"Artikolu 1a
L-introduzzjoni ta' skemi ta' appoġġ fl-Istati Membri l-ġodda

Fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja (minn hawn 'l quddiem magħrufa bħala "L-Istat Membru l-ġdid u l-Istati Membri l-ġodda") il-pagamenti diretti mogħtija taħt l-skemi ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu ntrodotti skond l-iskeda ta' inkrimenti li ġejja imfisser bħala persentaġġ tal-livell ta' dawn il pagamenti li jkun japplika fil-Komunità kif kostitwit fit-30 ta' April 2004:

| | |
|---|---|
| 25% | fl-2004 |
| 30% | fl-2005 |
| 35% | fl-2006 |
| 40% | fl-2007 |
| 50% | fl-2008 |
| 60% | fl-2009 |
| 70% | fl-2010 |
| 80% | fl-2011 |
| 90% | fl-2012 |
| 100% mill-2013 'l quddiem | |

Artikolu 1b

Skema ta' Pagament Uniku bl-Area għall-Istati Membri l-ġodda

1. L-Istati Membri l-ġodda jistgħu jiddeċiedu mhux aktar tard mid-data ta' l-adeżjoni li jibdlu l-pagamenti taħt l-iskemi ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 1 matul il-perijodu ta' applikazzjoni imsemmi fil-paragrafu 9 b'pagament uniku (imdemmi minn hawn 'l quddiem bħala "pagament uniku bl-area") li għandu jkun ikkalkulat skond il-paragrafu 2.

2. Il-pagament uniku bl-area għandu jsir darba fis-sena. Huwa għandu jkun ikkalkulat billi jkun diviż il-pakkett finanzjarju annwali stabbilit skond il-paragrafu 3 bl-area agrikola ta' kull Membru Stat ġdid stabbilita skond il-paragrafu 4.

3. Għal kull Stat Membru ġdid, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pakkett finanzjarju annwali:

– bħala somma ta' fondi li kellhsa tkun disponibbli fir-rigward tas-sena kalendarja li tkun għall-għoti ta' pagamenti diretti fl-Istat Membru l-ġdid taħt l-iskemi ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 1,

– skond ir-regoli Komunitarji rilevanti u abbażi tal-parametri kwantitattivi, bħalma huma l-area ta' bażi, il-limiti massimi tal-premium u l-Kwantitajiet Massimi Garantiti (KMG), speċifikati fl-Att ta' l-Adeżjoni għal kull skema ta' appoġġ, u

– aġġustati permezz tal-pesentaġġ rilevanti speċifikat fl-Artikolu 1a għall-introduzzjoni gradwali ta' pagamenti diretti.

4. L-area agrikola ta' Stat Membru ġdid taħt l-iskema ta' pagament uniku bl-area għandha tkun dik il-parti ta' l-area agrikola tagħha utilizzata li tkun ġiet miżmuma f'kondizzjoni agrikola tajba fit-30 ta' Ġunju 2003, kemm jekk tkun jew ma tkunx tipproduċi f'dik id-data, u, skond il-każ, aġġustata skond il-kriterji oġġettivi li għandhom ikunu stabbiliti mill-Istat Membru l-ġdid wara li jkun approvati mill-Kummissjoni.

"L-area agrikola utilizzata" għandha tfisser l-area globali meħuda minn art tar-raba, mergħat permanenti, uċuħ permanenti u ġonna tal-ħxejjex kif stabbilit mill-Kummissjoni (EUROSTAT) għall-għanijiet ta' l-istatistika tagħha.

5. Sabiex jingħataw pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku bl-area, kull biċċa art agrikola li taqbel mal-kriterji li hemm fil-paragrafu 4 għandha tkun eliġibbli.

Il-qies minimu ta' area eliġibbli għal kull azjenda li għaliha jistgħu jintalbu pagamenti għandha tkun ta' 0,3 ta' ettaru. Madankollu, kull Stat Membru ġdid jista' jiddeċiedi, abbażi tal-kriterji oġġettivi u wara li jkunu approvati mill-Kummissjoni, li jistabbilixxi l-qies minimu fl-livell ogħla li ma jabiżx ettaru 1.

6. Ma għandu jkun hemm l-ebda obbligazzjoni biex tipproduċi jew biex tħaddem xi fattur tal-produzzjoniMadankollu, il-bdiewa jistgħu jużaw l-art imsemmija fil-paragrafu 4 għal kull xorta ta' għan agrikolu. Fil-każ tal-produzzjoni tal-qanneb li jaqa' taħt il-Kodiċi KN 5302 10 00, l-Artikolu 5a(2) tar-Regolament (KE) Nru. 1251/1999[1] u l-Artikolu 7b tar-Regolament (KE) Nru. 2316/1999[2]għandhom japplikaw.

Kull art li tibbenefika mill-pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku bl-area għandha tinżamm f'kondizzjoni agrikola tajba li tkun kumpatibbli mal-protezzjoni ta' l-ambjent.

7. Jekk f'xi sena il-pagamenti uniċi bl-area fi Stat Membru ġdid jaqbżu il-pakkett finanzjarju fis-sena tiegħu, l-ammont nazzjonali għal kull ettaru applikabbli għal dak l-Istat Membru l-ġdid għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali permezz ta' l-applikazzjoni ta' ko-effiċjent ta' tnaqqis.

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1251/1999 li jwaqqaf sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti prodotti tar-raba' maħrut (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 1).

2 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2316/1999 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1251/1999 li jwaqqaf sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti wċuh tar-raba maħrut (ĠU L 280, 30.10.1999, p. 43).

8. Ir-Regoli tal-Komunità dwar is-Sistema ta' Amministrazzjoni Integrata u Kontroll (minn hawn 'l quddiem riferut bħala "SAIK") stipulata fir-Regolament (KEE) Nru. 3508/92[1], u b'mod partikulari l-Artkolu 2 tiegħu, għandhom japplikaw għall-iskema ta' pagament uniku bl-area safejn ikun hemm bżonn.Għaldaqstant, kull Stat Membru ġdid li jagħżel din l-iskema għandu:

– jipprepara u jipproċessa l-applikazzjonjiet annwi għall-għajnuna li jsiru mill-bdiewa. Dawn l-applikazzjonijet għandhom ikollhom biss informazzjoni dwar l-applikanti u dwar il-biċċiet ta' art agrikola ddikjarati (numru ta' idetifikazzjoni u l-area);

– jistabbilixxu sistema ta' identifikazzjoni tal-biċċiet ta' art sabiex jiżguraw li l-biċċiet ta' art li għalihom ikunu saru applikazzjonijiet għall-għajnuna jkunu jistgħu jiġu identifikati u l-area tagħhom stabbilita, li l-biċċiet ta' art jirrigwardaw art agrikola u li ma tkunx saret xi applikazzjoni oħra għalihom;

– jistabbilixxu *database* kompjuterizzata għal azjendi agrikoli, biċċiet ta' art u applikazzjonijiet għall-għajnuna;

– jivverifikaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna skond l-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament (KEE) Nru. 3508/92.

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3508/92 li jwaqqaf sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll għal ċerti skemi Komunitarji ta' għajnuna (ĠU L 355, 5.12.1992, p. 1).

L-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku bl-area ma għandu bl-ebda mod taffetwa l-obbligu ta' xi Stat Membru ġdid fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' regoli Komunitarji dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' bhejjem kif hemm fid-Direttiva 92/102/KEE[1] u r-Regolament (KE) Nru. 1760/2000[2].

9. Għal kull Stat Membru ġdid l-iskema ta' pagament uniku bl-area għandha tkun disponibbli għal perijodu li fih tkun tapplika sa l-aħħar tas-sena 2006 bil-possibbiltà li tiġġedded darbtejn b'sena fuq talba ta' l-Istat Membru l-ġdid.Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 11, kull Stat Membru ġdid jista' jiddeċiedi li jwaqqaf l-applikazzjoni ta' l-iskema fl-aħħar ta' l-ewwel jew tat-tieni sena tal-perijodu li fih tkun tapplika.Stati Membri ġodda għandhom jgħarrfu lil-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jwaqqfuha għall-anqas xahrejn qabel tmien l-aħħar sena li fiha tkun tapplika.

10. Qabel l-aħħar tal-perijodu li fih tkun tapplika l-iskema ta' pagament uniku bl-erja, il-Kummissjoni għandha tagħmel stima dwar jekk l-Istat Membru l-ġdid konċernat hux lest li japplika b'mod sħiħ l-iskemi ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 1.

---

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/102/KE dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' bhejjem (ĠU L 355, 5.12.1992, p. 32).

[2] Ir-Regolament (KE) Nru. 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jwaqqaf sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' bhejjem tal-fart u li għandha x'taqsam mat-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u ta' prodotti mill-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

B'mod partikolari, sa l-aħħar tal-perijodu li fih tkun tapplika l-iskema ta' pagament uniku bl-erja, l-Istat Membru l-ġdid għandu jkun ħa l-passi meħtieġa kollha biex jistabilixxi s-SAIK stipulata fir-Regolament (KEE) Nru. 3508/92 għall-funzjonament sew ta' l-iskemi ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 1 fil-forma li tkun tapplika dak iż-żmien.

11. Abbażi ta' din l-istima, il-Kummissjoni għandha:

(a) tinnota li l-Istat Membru l-ġdid jista' jidħol fis-sistema ta' skemi ta' appoġġ imsemmija fl-Artikolu 1 applikati fl-Istati Membri attwali,

jew

(b) tiddeċiedi li testendi l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku bl-area mill-Istat Membru l-ġdid għall-perijodu meqjus meħtieġ biex jippermetti il-proċduri ta' tmexxija u kontroll meħtieġa li jkunu stabbiliti b'mod sħiħ u jaħdmu sew.

Qabel l-aħħar tal-perijodu estiż li fih tkun tapplika imsemmi f'(b), il-paragrafu 11 għandu japplika.

Sa l-aħħar tal-perijodu ta’ 5 snin ta’ l-applikazzjoni ta’ l-iskema ta’ pagament uniku bl-area (jiġifieri is-sena 2008), ir-rata ta’ persentaġġ stipulata fl-Artikolu 1a għandha tapplika. Jekk l-applikazzjoni ta’ l-iskema ta’ pagament uniku bl-area jkun estiż għal wara dik id-data fuq deċiżjoni li tittieħed taħt (b), ir-rata ta’ persentaġġ stipulata fl-Artikolu 1a għas-sena 2008 għandha tapplika sat-tmiem ta’ l-aħħar sena li fiha tkun tapplika l-iskema ta’ pagament uniku bl-area.

12. Wara t-tmiem tal-perijodu li fih tkun tapplika l-iskema ta’ pagament uniku bl-area, l-iskemi ta’ appoġġ imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu applikati skond ir-regoli Komunitarji rilevanti u abbażi tal-parametri kwantitattivi , bħalma huma l-area ta’ bażi, il-limiti massimi tal-*premium* u l-Kwantitajiet Massimi Garantiti (KMG), speċifikati fl-Att ta’ l-Adeżjoni għal kull skema ta’ appoġġ, bla ħsara għal xi tibdil li jista’ jsir minħabba xi emendi fil-legislazzjoni Komunitarja rilevanti. Ir-rati ta’ persentaġġ stipulati fl-Artikoli 1a għas-snin rilevanti għandhom japplikaw sussegwentament.

13. L-Istati Membri l-ġodda għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni fid-dettall bil-miżuri meħuda sabiex ikun implimentat dan l-Artikolu u b’mod partikolari, il-miżuri li jittieħdu skond il-paragrafu 7.

14. L-iskema ta’ pagamament uniku bl-area għandha tkun meqjusa bħala intervent kif imsemmi fl-Artikolu 1(2)(b) u fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru. 1258/1999[1] .

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1258/1999 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni (ĠU L 160, 26.6.1999, p. 103).

l-Artikolu 1ċ

Pagamenti diretti nazzjonali komplementari fl-Istati Membri l-ġodda.

1. Għall-iskopijiet ta’ dan l-Artikolu "Skema nazzjonali li tixbaħ il-PAK" għandha tfisser kull skema nazzjonali ta’ pagament dirett li tkun tapplika qabel id-data ta’ l-adeżjoni ta’ l-Istati Membri l-ġodda u li permezz tagħha ngħata appoġġ lill-bdiewa fir-rigward ta’ produzzjoni li taqa' taħt xi waħda mill-iskemi ta’ pagament dirett ta’ l-UE imniżżla fl-Anness I.

2. L-Istati Membri l-ġodda għandhom ikollhom il-possibbiltà , soġġetta għall-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni, li jikkumplementaw l-għajnuna diretta mħallsa lil xi bidwi taħt xi waħda mill-iskemi tal-PAK imniżżla fl-Anness I sa:

– 55% tal-livell ta’ pagamenti diretti fil-Komunità kif kostitwita fit-30 ta’ April 2004 fis-sena 2004, 60% fis-sena 2005 u 65% fis-sena 2006 u mis-sena 2007 sa 30 punt ta’ persentaġġ 'l fuq mil-livell applikabbli imsemmi fl-Artikolu 1a fis-sena rilevanti. Madankollu, fis-settur tal-lamtu mill-patata r-Repubblika Ċeka tista’ matul il-perijodu kollu ta’ l-introduzzjoni tal-pagamenti diretti żżid sa 100% tal-livell ta’ pagamenti diretti fil-Komunità kif kostitwita fit-30 ta’ April 2004 fis-sena rilevanti,

jew

– il-livell globali ta' l-appoġġ dirett li l-bidwi kien ikun intitolat għalih, fuq il-bażi ta' prodott bi prodott, fl-Istat Membru l-ġdid fis-sena kalendarja 2003 taħt xi skema nazzjonali li tixbaħ lill-PAK miżjud b'10 punti ta' persentaġġ. Madankollu, għal-Litwanja is-sena ta' riferenza għandha tkun is-sena kalendarja 2002 u għas-Slovenja ż-żieda għandha tkun ta' 10 punti ta' persentaġġ fl-2004, 15-il punt ta' persentaġġ fl-2005, 20 punt ta' persentaġġ fl-2006 u 25 punt ta' persentaġġ mill-2007.

Għal kull skema tal-PAK li tkun, l-Istati Membri l-ġodda jistgħu jagħżlu li japplikaw waħda miż-żewġ għażliet imsemmija hawn fuq.

L-appoġġ globali dirett li l-bidwi jista' jingħata fl-Istati Membri l-ġodda wara l-adeżjoni taħt l-iskema rilevanti ta' l-UE inkluż kull pagament dirett nazzjonali kumplementarju ma għandux jaqbeż il-livell ta' appoġġ dirett li l-bidwi jkun intitolat jirċievi taħt l-iskema korrispondenti ta' l-UE applikabbli dakinhar għall-Istati Membri fil-Komunità kif kostitwita fit-30 ta' April 2004.

3. Ċipru jista' jikkumplementa għajnuna diretta lil xi bidwi taħt xi skema tal-PAK imniżżla fl-Anness I sal-livell globali ta' appoġġ li l-bidwi kien ikun intitolat jirċievi f'Ċipru fl-2001.

L-awtoritajiet Ċiprijotti għandhom jiżguraw li l-appoġġ dirett globali li l-bidwi jingħata wara l-adeżjoni f'Ċipru taħt l-iskema rilevanti ta' l-UE inkluż kull pagament dirett nazzjonali kumplementarju fl-ebda każ ma jabbeż il-livell ta' appoġġ dirett li l-bidwi jkun intitolat jirċievi taħt dik l-iskema fis-sena rilevanti fil-Komunità kif kostitwita fit-30 ta' April 2004.

L-ammonti globali ta' għajnuna nazzjonali komplementarja għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness II.

L-għajnuna nazzjonali komplementarja li għandha tingħata għandha tkun soġġetta għall kull aġġustament li jista' jkun meħtieġ minħabba l-iżviluppi fil-politika agrikola komuni.

Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 5 ma għandhomx japplikaw għal Ċipru.

4. Jekk xi Stat Membru ġdid jiddeċiedi li japplika l-iskema ta' pagament uniku bl-area, dak l-Istat Membru l-ġdid jista' jagħti għajnuna diretta nazzjonali kumplementarja skond il-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 5 u 8.

5. L-ammont globali għal kull settur ta' għajnuna nazzjonali komplementari mogħtija f'xi sena meta tkun qed tiġi applikata l-iskema ta' pagament uniku bl-area għandu jkun limitat b'pakkett finanzjarju speċifiku għal kull setturDan il-pakkett għandu jkun daqs id-differenza bejn:

– l-ammont globali ta' appoġġ għal kull settur li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-ewwel u it-tieni inċiż tal-paragrafu 2, skond il-każ li jkun, u

– l-ammont globali ta' appoġġ dirett li jkun dipsonnibbli fl-Istat Membru ġdid rilevanti għall-istess settur fis-sena konċernata taħt l-iskema ta' pagament uniku bl-area.

6. L-Istat Membru l-ġdid jista' jiddeċiedi abbażi ta' kriterji oġġettivi u wara l-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni, fuq l-ammonti ta' għajnuna nazzjonali kumplementarja li għandha tingħata.

7. L-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni għandha:

– fejn tapplika it-tieni inċiż tal-paragrafu 2, tispeċifika l-iskemi rilevanti ta' pagamenti diretti nazzjonali li jixbħu l-PAK,

– tiddefinixxi l-livell sa fejn tista’ titħallas l-għajnuna nazzjonali kumpelementari, ir-rata ta’ l-għajnuna nazzjonali kumplementarja u, fejn ikun il-każ, il-kondizzjonijiet li taħthom ġiet mogħtija.

– tingħata soġġetta għal kull aġġustament li jista’ jsir meħtieġ minħabba l-iżviluppi tal-politika agrikola komuni.

8. L-ebda pagamenti nazzjonali kumplementarji jew għajnuna m’għandha tingħata għal attivitajiet agrikoli koperti minn xi organizzazzjoni ta’ komuni tas-suq li mhux aġġornat minn xi skema ta’ appoġġ imsemmija fl-Artikolu 1.

9. Ċipru jista’, flimkien mal-pagamenti diretti nazzjonali kumplementari, jagħti għajnuna transitorja u digressiva sa' l-aħħar tas-sena 2010. Din l-għajuna mill-Istat għandha tingħata f'forma li tixbaħ l-għajnuna Komunitarja, bħalma huma pagamenti sseparati.

Filwaqt li jittieħed kont tan-natura u l-ammont ta’ l-appoġġ nazzjonali mogħti fl-2001, Ċipru jista’ jagħti għajnuna mogħtija mill-Istat lis-(sub)setturi mniżżla fl-Anness III u sa l-ammonti speċifikati f'dak l-Anness.

L-għajnuna mogħtija mill-Istat li għandha tingħata għandha tkun soġġetta għall kull aġġustament li jista' jkun meħtieġ minħabba l-iżviluppi fil-politika agrikola komuni. Jekk dawn l-aġġustamenti jkunu meħtieġa, l-ammont ta' l-għajnuna jew il-kondizzjonijiet għall-għoti tagħha għandhom ikunu emendati abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Ċipru għandu jissottometti rapport kull sena lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat, fejn jindika x-xorta u l-ammonti ta' l-għajnuna għal kull (sub) settur.

10. Il-Latvja tista',  flimkien mal-pagamenti diretti nazzjonali kumplementari, tagħti għajnuna transitorja u digressiva sa' l-aħħar tas-sena 2008. Din l-għajuna mill-Istat għandha tingħata f'forma li tixbaħ l-għajnuna Komunitarja, bħalma huma pagamenti  sseparati.

Il-Latvja tista' tagħti għajnuna mogħtija mill-Istat lis-(sub)setturi mniżżlin fl-Anness IV sa l-ammonti speċifikati f'dak l-Anness.

L-għajnuna mogħtija mill-Istat li għandha tingħata għandha tkun soġġetta għall kull aġġustament li jista' jkun meħtieġ minħabba l-iżviluppi fil-politika agrikola komuni. Jekk dawn l-aġġustamenti jkunu meħtieġa, l-ammont ta' l-għajnuna jew il-kondizzjonijiet għall-għoti tagħha għandhom ikunu emendati abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Il-Latvja għandha tissottometti rapport kull sena lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat, fejn tindika x-xorta u l-ammonti ta' l-għajnuna għal kull (sub) settur.",

(ċ) Il-paragrafu li ġej jiżdied ma' l-Artikolu 2a:

"8. L-iskema ssimplifikata ma għandhiex tapplika għall-Istati Membri l-ġodda.";

(d) L-Artikolu 11(4) jinbidel b'dan li ġej:

"4. B'konformità mal-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tadotta:

– regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2a, inkluża kull deroga mir-regolamenti rilevanti u mir-Regolament (KEE) Nru. 3508/92*, li huma meħtieġa sabiex jintlaħaq l-għan ta' simplifikazzjoni, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-kondizzjonijiet ta' eliġibbilita', dati ta' applikazzjoni u pagament u disposizzjonijiet ta' kontroll kif ukoll regoli dettaljati sabiex ikunu evitati talbiet doppji fir-rigward ta' l-area u l-produzzjoni koperti mill-iskema ssimplifikata,

– regoli dettaljati li għandhom x'jaqsmu ma' l-implimentazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku bl-area stipulata fl-Artikolu 1b,

– dawk l-emendi għall-Anness I li jistgħu ikunu meħtieġa fil-waqt li jittieħed kont tal-kriterji stipulati fl-Artikolu 1, u

– skond il-każ, regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament inklużi, b'mod partikolari, il-miżuri meħtieġa sabiex tkun evitata iċ-ċirkomvenzjoni ta' l-Artikoli 3 u 4, kif ukoll dawk li jikkonċernaw l-Artikolu 7.

---

* Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3508/1992 tas-27 ta' Novembru 1992 li jistabbilixxi sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll għal xi skemi ta' għajnuna Komunitarji (ĠU L 355, 5.12.1992, p. 1) kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 495/2001 (ĠU L 72, 14.3.2001, p. 6)",

(e) It-titolu ta' l-Anness jinbidel bl-"Anness I";

(f) L-Annessi li ġejjin huma miżjuda:

"ANNESS II

Tabella 1: Ċipru: Pagamenti diretti nazzjonali kumplementari fejn japplikaw l-iskemi normali għal pagamenti diretti

| Perċentwali għall-introduzzjoni: | 25% | 30% | 35% | 40% | 50% | 60% | 70% | 80% | 90% |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Settur | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
| Uċuh tar-raba maħrut (minbarra l-qamħ duru) | 7.913.822 | 7.386.234 | 6.858.646 | 6.331.058 | 5.275.881 | 4.220.705 | 3.165.529 | 2.110.353 | 1.055.176 |
| Qamħ duru | 2.269.470 | 2.118.172 | 1.966.874 | 1.815.576 | 1.512.980 | 1.210.384 | 907.788 | 605.192 | 302.596 |
| Legumi taż-żerriegħa | 30.228 | 28.273 | 26.318 | 24.363 | 20.363 | 16.362 | 12.272 | 8.181 | 4.091 |
| Ħalib u prodotti tal-ħalib | 0 | 899.576 | 1.572.371 | 2.178.000 | 1.815.000 | 1.452.000 | 1.089.000 | 726.000 | 363.000 |
| Ċanga | 3.456.709 | 3.226.262 | 2.995.814 | 2.765.367 | 2.304.473 | 1.843.578 | 1.382.684 | 921.789 | 460.895 |
| Nagħaġ u mogħoż | 8.267.087 | 7.715.948 | 7.164.809 | 6.613.669 | 5.511.391 | 4.409.113 | 3.306.835 | 2.204.556 | 1.102.278 |
| Żejt taż-żebbuġa | 5.951.250 | 5.554.500 | 5.157.750 | 4.761.000 | 3.967.500 | 3.174.000 | 2.380.500 | 1.587.000 | 793.500 |
| Tabakk | 782.513 | 730.345 | 678.178 | 626.010 | 521.675 | 417.340 | 313.005 | 208.670 | 104.335 |
| Banana | 3.290.625 | 3.071.250 | 2.851.875 | 2.632.500 | 2.193.750 | 1.755.000 | 1.316.250 | 877.500 | 0 |
| Għeneb imnixxef | 104.393 | 86.562 | 68.732 | 50.901 | 15.241 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Total | 32.066.096 | 30.817.121 | 29.341.366 | 27.798.445 | 23.138.253 | 18.498.483 | 13.873.862 | 9.249.241 | 4.185.871 |

Tabella 2:Ċipru: Pagamenti diretti nazzjonali kumplementari fejn tapplika l-iskema ta’ pagament uniku bl-area għal pagamenti diretti

| Settur | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Uċuh tar-raba maħrut (minbarra l-qamħ duru) | 6.182.503 | 3.997.873 | 2.687.095 | 1.303.496 | 0 |
| Qamħ duru | 2.654.980 | 2.469.490 | 2.358.196 | 2.240.719 | 2.018.131 |
| Legumi taż-żerriegħa | 27.346 | 20.566 | 16.498 | 12.204 | 4.068 |
| Ħalib u prodotti tal-ħalib | 0 | 1.165.968 | 2.365.032 | 3.566.500 | 3.548.500 |
| Ċanga | 4.608.945 | 4.608.945 | 4.608.945 | 4.608.945 | 4.608.945 |
| Nagħaġ u mogħoż | 10.932.782 | 10.887.782 | 10.860.782 | 10.832.282 | 10.778.282 |
| Żejt taż-żebbuġa | 7.215.000 | 6.855.000 | 6.639.000 | 6.411.000 | 5.979.000 |
| Għeneb imnixxef | 182.325 | 176.715 | 173.349 | 169.796 | 163.064 |
| Banana | 4.368.300 | 4.358.700 | 4.352.940 | 4.346.860 | 4.335.340 |
| Tabakk | 1.049.000 | 1.046.750 | 1.045.400 | 1.043.975 | 1.041.275 |
| TOTAL | 37.221.182 | 35.587.790 | 35.107.238 | 34.535.778 | 32.476.606 |

ANNESS III

Għajnuna mill-Istat: Ċipru

| Settur | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ċereali (minbarra l-qamħ duru) | 7.920.562 | 6.789.053 | 5.657.544 | 4.526.035 | 3.394.527 | 2.263.018 | 1.131.509 |
| Ħalib u prodotti tal-ħalib | 7.122.260 | 5.066.822 | 3.359.449 | 1.995.577 | 1.496.683 | 997.789 | 498.894 |
| Ċanga | 227.103 | 194.660 | 162.216 | 129.773 | 97.330 | 64.887 | |
| Nagħaġ u mogħoż | 3.597.708 | 3.083.750 | 2.569.791 | 2.055.833 | 1.541.875 | 1.027.917 | 513.958 |
| Majjal | 9.564.120 | 8.197.817 | 6.831.514 | 5.465.211 | 4.098.909 | 2.732.606 | 1.366.303 |
| Tiġieġ u bajd | 3.998.310 | 3.427.123 | 2.855.936 | 2.284.749 | 1.713.561 | 1.142.374 | 571.187 |
| Inbid | 15.077.963 | 12.923.969 | 10.769.974 | 8.615.979 | 6.461.984 | 4.307.990 | 2.153.995 |
| Żejt taż-żebbuġa | 7.311.000 | 6.266.571 | 5.222.143 | 4.177.714 | 3.133.286 | 2.088.857 | 1.044.429 |
| Għeneb ta' l-ikel | 3.706.139 | 3.176.691 | 2.647.242 | 2.117.794 | 1.588.345 | 1.058.897 | 529.448 |
| Tadam ipproċessat | 411.102 | 352.373 | 293.644 | 234.915 | 176.187 | 117.458 | 58.729 |
| Banana | 445.500 | 381.857 | 318.214 | 254.571 | 190.929 | 127.286 | 63.643 |
| Frott , inkluż il-frott bl-għadma | 9.709.806 | 8.322.691 | 6.935.576 | 5.548.461 | 4.161.346 | 2.774.230 | 1.387.115 |
| Lewż | 2.531.871 | 2.170.175 | 1.808.479 | 1.446.783 | 1.085.088 | 723.392 | 361.696 |
| Ħarrub | 517.500 | 443.571 | 369.643 | 295.714 | 221.786 | 147.857 | 73.929 |
| Total | 72.140.945 | 60.797.123 | 49.801.366 | 39.149.111 | 29.361.833 | 19.574.556 | 9.754.835 |

# ANNESS IV

Għajnuna mill-Istat: Latvja

| Settur | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Kittien | 654.000 | 523.200 | 392.400 | 261.600 | 130.800 |
| Ħalib u prodotti tal-ħalib | 5.236.000 | - | - | - | - |
| Majjal | 204.000 | 163.200 | 122.400 | 81.600 | 40.800 |
| Nagħaġ u mogħoż | 107.000 | 85.600 | 64.200 | 42.800 | 21.400 |
| Żerriegħa | 109.387 | 87.510 | 66.110 | 44.710 | 23.310 |
| Total | 6.310.387 | 859.510 | 645.110 | 430.710 | 216.310 |

28. 31999 R 1493: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1493/1999 tas-17 ta’ Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta’ l-inbid (ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1), kif emendat bi:

– 32000 R 1622: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1622/2000 ta’ l-24.7.2000 (ĠU L 194, 31.7.2000, p. 1),

– 32000 R 2826: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2826/2000 tad-19.12.2000 (ĠU L 328, 23.12.2000, p. 2),

– 32001 R 2585: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2585/2001 tad-19.12.2001 (ĠU L 345, 29.12.2001, p. 10).

(a) Fl-Artikolu 1(3), jiżdied is-sub-paragrafu li ġej:

"Għandu jkun deċiż ma’ l-adeżjoni jekk il-Polonja għandhiex tkun klassifikata fiż-żona A ta’ tkabbir tad-dwieli għall-inbid fl-Anness III.";

(b) Fl-Artikolu 5(2), jiżdied il-punt (d) li ġej:

"(d) għal Ċipru, drittijiet tat-taħwil ta’ 2 000 ettaru għall-produzzjoni ta’ nbejjed ta’ kwalità mir-riserva nazzjonali ta’ Ċipru li teżisti qabel l-adeżjoni. Ċipru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b’lista tar-reġjuni li għandhom ikunu allokati d-drittijiet ta’ taħwil li ġejjin minn din ir-riserva nazzjonali.";

(ċ) Fl-Artikolu 6, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Għar-Repubblika Ċeka, drittijiet tat-taħwil magħmula ġodda għandhom jiġu allokati għall-produzzjoni ta' nbejjed ta' kwalità għal kull reġjun speċifiku li jammontaw għal 2% ta' l-area globali użata għad-dwieli fir-Repubblika Ċeka fl-1 ta' Mejju 2004. Dawn id-drittijiet għandhom ikunu allokati lil riserva nazzjonali li għaliha għandu japplika l-Artikolu 5.

Għal Malta, drittijiet tat-taħwil magħmula ġodda għandhom jiġu allokati għall-produzzjoni ta' nbejjed ta' kwalità għal kull reġjun speċifiku sa area globali f'Malta imħawla bid-dwieli ta' l-inbid ta' 1 000 ettaru. Dawn id-drittijiet tat-taħwil magħmula ġodda għandhom jintużaw mhux aktar tard mis-sena ta' l-inbid 2005/2006. Jekk dawn id-drittijiet ma jintużawx sa-sena ta' l-inbid 2005/2006, huma għandhom ikunu allokati għar-riserva li għaliha għandu japplika l-Artikolu 5.".

(d) Fl-Artikolu 19(2), jiżdied is-sub-paragrafu li ġej:

"Jekk il-Polonja tkun ikklassifikata bħala żona li tkabbar id-dwieli għall-inbid taħt l-Artikolu 1(3), il-Polonja għandha tindika ma' l-adeżjoni il-varjetajiet ta' dwieli li huma tajbin għall-produzzjoni ta' kull wieħed mill-inbejjed ta' kwalità prodotti fit-territorju tagħha.";

(e) L-Artikolu 27(7) jinbidel b'dan li ġej:

"7. Kull persuna naturali jew legali jew gruppi ta' persuni li jipproċessaw l-għeneb maħsud fiż-Żona A ta' fejn jitkabbru d-dwieli għall-inbid jew fit-Taqsima Ġermaniża taż-Żona B fejn jitkabbru d-dwieli għall-inbid, jew f'arei mħawwla bid-dwieli fl-Awstrija jew fir-Repubblika Ċeka għandhom ikunu meħtieġa jirtiraw il-prodotti sekondarji li joħorġu minn dan l-iproċessar taħt superviżjoni u skond il-kondizzjonijiet li għad iridu jkunu deċiżi.";

(f) Fil-paragrafi 6 u 13 ta' l-Artikolu 44, wara l-kelma "l-Irlanda", tiżdied il-kelma "il-Polonja".

(g) Fl-Anness I, is-sentenza li ġejja tiżdied mal-punt 3:

"L-inbid ta' kwalità skond ir-regjun speċifiku "Tokaji eszencia" li joriġina fl-Ungerija mhux ikkunsidrat bħala most ta' l-għeneb fil-fermentazzjoni.";

(h) Fl-Anness III (Żoni tat-tkabbir tad-dwieli għall-inbid):

- fil-punt (1), jiżdied il-punt (d) li ġej:

"(d) fir-Repubblika Ceka, Boħemja: l-area bid-dwieli fl-arei tat-tkabbir tad-dwieli għall-inbid: pražská, mělnická, roudnická, žernosecká, mostecká, čáslavská"

– fil-punt (2), jiżdiedu il-punti (d), (e) u (f) li ġejjin:

"(d) fir-Repubblika Ċeka, il-Moravja: l-area bid-dwieli fl-arei tat-tkabbir tad-dwieli għall-inbid: brněnská, bzenecká, mikulovská, mutěnická, velkopavlovická, znojemská, strážnická, kyjovská, uherskohradišťská, Podluží u l-arei bid-dwieli għar-reġjuni li mhumiex inklużi fil-punt 1(d);

(e) fis-Slovakkja: fl-area tat-tkabbir tad-dwieli għall-inbid tal-Karpatji ż-Żgħar, is-Slovakkja tan-Nofsinhar, Nitra, is-Slovakkja Ċentrali u s-Slovakkja tal-Lvant u l-arei li jkabbru d-dwieli għall-inbid li mhumiex inklużi fil-punt 3;

(f) fis-Slovenia, l-area bid-dwieli fir-reġjun ta' Podravje: ljutomersko-ormoški vinorodni okoliš, mariborski vinorodni okoliš, radgonsko-kapelski vinorodni okoliš, šmarsko-virštajnski vinorodni okoliš, vinorodni okoliš Haloze, prekmurski vinorodni okoliš, vinorodni okoliš Srednje Slovenske gorice, fir-reġjun ta' Posavje: bizeljsko-sremiški vinorodni okoliš, vinorodni okoliš Bela krajina, vinorodni okoliš Dolenjska u l-arei bid-dwieli fir-reġjuni li mhumiex inklużi fil-punt 5(d)"

– fil-punt 3, jiżdied dan li ġej:

"Fis-Slovakkja, ir-reġjun ta' Tokay."

– fil-punt 4, jiżdied dan li ġej:

"Fl-Ungerija, arei kollha bid-dwieli."

– fil-punt (5), jiżdied il-punt (d) li ġej:

"(d) fis-Slovenia, l-arei bid-dwieli fir-reġjun ta' Primorska: vinorodni okoliš Goriška Brda, vinorodni okoliš Vipavska dolina, koprski vinorodni okoliš and vinorodni okoliš Kras"

– fil-punt 6, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"F'Ċipru, iż-żona tat-tkabbir tad-dwieli għall-inbid ĊIII a) hija magħmula mill-area bid-dwieli f'altitudni ta' 'il fuq minn 600 metru",

– fil-punt (7), jiżdiedu il-punti (f), u (g) li ġejjin:

"(f) f'Ċipru, l-area bid-dwieli li tinsab f'altitudni ta' anqas minn 600 metru;

(g) f'Malta: l-area bid-dwieli.".

(i) Fil-punt 4 fl-Anness IV, jiżdied il-punt (d) li ġej:

"(d) it-tferrigħ ta’ l-inbid fuq il-morga jew il-ħliefa ta’ l-għeneb jew il-polpa magħsura ta’ aszú fejn din il-prattika hija wżata tradizzjonalment għall-produzzjoni ta’ "Tokaji **f**ordítás" u"Tokaji **m**áslás" fir-reġjun ta’ Tokajhegyalja ta’ l-Ungerija taħt kondizzjonijiet li għad iridu jiġu stabbiliti";

(j) Fl-Anness V:

– fit-Parti A (2)(b), jiżdied l-inċiż li ġejja:

"- Inbejjed ta’ kwalità skond ir-reġjun speċifikat Tokaji li joriġinaw fl-Ungerija u deskritti skond id-disposizzjonijiet Ungeriżi bħala "Tokaji édes szamorodni" jew "Tokaji aszú"."

– fit-Parti A(2)(d) tiżdied il-frażi li ġejja:

"u inbejjed ta’ kwalità skond ir-reġjun speċifiku li joriġinaw fl-Ungerija u deskritti skond id-disposizzjonijiet Ungeriżi bħala "Tokaji máslás", "Tokaji fordítás", "Tokaji aszúeszencia", "Tokaji eszencia", "Aszúbor" u “Töppedt szőlőből készült bor"."

– fit-Parti D(3), jiżdied dan li ġej:

"u fiż-żoni tat-tkabbir tad-dwieli għall-inbid fl-Ungerija u fis-Slovenja"

(k) Fl-Anness VI:

– fit-Parti D(1)(b) jiżdied is-sub-paragrafu li ġej:

"Madankollu għall-kwalità ta' nbid skond ir-reġjun speċifikat Commandaria li joriġina f'Ċipru, il-fażijiet tal-produzzjoni wara l-ipproċessar ta' l-għeneb f'most ta' l-għeneb u l-ipproċessar tal-most miksub f'inbid jista' jsir taħt kontroll strett f'Ċipru barra r-reġjun speċifiku fejn l-għaneb użati kieny maħsuda taħt il-kondizzjonijiet tal-liġi ta' Ċipru."

– fit-Parti F(5) tiżdied il-frażi li ġejja wara "Madankollu,":

"għall-inbejjed ta' kwalità skond ir-reġjun speċifiku Dolenjska li joriġinaw fis-Slovenja li huma deskritti skond id-disposizzjonijiet Sloveni bħala "Cviček PTP" u";

(l) Fl-Anness VII, punt A.2.(b), it-tielet inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"– wieħed mit-termini li ġejjin, skond il-kondizzjonijiet li jridu jiġu deċiżi:"Landwein", "vin de pays", "indicazione geografica tipica", "ονομασία κατά παράδοση", "οίνος τοπικός", "vino de la tierra", "vinho regional", "regional wine", "landwijn", "geograafilise tahistusega lauavein", "tájbor", "inbid tradizzjonali tal-lokal", "zemske víno", "deželno vino PGO" jew "deželno vino s priznano geografsko oznako"; fejn qed jintuża dan it-terminu, il-kliem "inbid tal-mejda" m'għandux ikun meħtieġ.";

(m) Fl-Anness VII:

- fit-tieni inċiż tal-Parti Ċ(2), jiżdied dan li ġej:

"Il-Polonja hija awtorizzata li tkompli tuża l-isem sħiħ"Polskie wino/Polish wine" għal prodotti ffermentati li jaqgħu taħt il-kodiċi NK 2206 magħmula minn meraq ikkonċentrat ta' l-għeneb, jew minn most ta' l-għeneb ikkonċentrat u mill-meraq ta' l-għeneb jew mill-most ta' l-għeneb. Dawn il-prodotti, bit-tikketta "Polskie wino/Polish wine", għandhom ikunu kummerċjalizzati biss fil-Polonja.";

(n) Fl-Anness VIII, punt D.3, id-inċiżi jinbidlu b'dan li ġej:

"– "brut nature", "naturherb", "bruto natural", "pas dosé", "dosage zéro", "natūralusis briutas", "īsts bruts", "přírodně tvrdé", "popolnoma suho jew "dosaggio zero": jekk il-kontenut taz-zokkor tiegħu jkun anqas minn 3 grammi kull litru; dawn it-termini jistgħu jintużaw biss għal prodotti li ma jiżdiedilhomx iz-zokkor wara l-fermentazzjoni sekondarja;

– "extra brut", "extra herb", "ekstra briutas", "ekstra brut", "ekstra bruts", "zvláště tvrdé", "extra bruto", "izredno suho" jew "ekstra wytrawne":jekk il-kontenut taz-zokkor ikun ta' bejn 0 u 6 grammi kull litru;

– "brut", "herb", "briutas", "bruts", "tvrdé", "bruto", "zelo suho"  jew " bardzo wytrawne": jekk il-kontenut taz-zokkor ikun anqas minn 15-il gramma kull litru,

– "extra dry", "extra trocken", "extra seco", "labai sausas", "ekstra kuiv", "ekstra sausais", "különlegesen száraz", "wytrawne", "suho", "zvláště suché" jew  "extra suché" :jekk il-kontenut taz-zokkor ikun ta' bejn 12 u 20 gramma kull litru,

– "sec", "trocken", "secco" jew "asciutto", "dry", "tør", "ξηρός", "seco", "torr", "kuiva", "sausas", "kuiv", "sausais", "száraz", "półwytrawne", "polsuho", or "suché":jekk il-kontenut taz-zokkor ikun ta' bejn 17 u 35 gramma kull litru,

– "demi-sec", "halbtrocken", "abboccato", "medium dry", "halvtør", "ημίξηρος", "semi seco", "meio seco", "halvtorr", "puolikuiva", "pusiau sausas", "poolkuiv", "pussausais", "félszáraz", "półsłodkie", "polsladko", jew "polosuché" jew "polosladké": "demi-sec", "halbtrocken", "abboccato", "medium dry", "halvtør", "ημίξηρος", "semi seco", "meio seco", "halvtorr", "puolikuiva", "pusiau sausas", "poolkuiv", "pussausais", "felszaraz", "polsłodkie", "polsuho", or "polosuché" or "polosladké":jekk il-kontenut taz-zokkor ikun ta' bejn 33 u 50 gramma kull litru,

– "doux", "mild", "dolce", "sweet", "sød", "γλυκύς", "dulce", "doce", "söt", "makea", "saldus", "magus", "pussaldais", "édes", "ħelu", "słodkie", "sladko" jew "sladké": jekk il-kontenut taz-zokkor ikun aktar minn 50 gramma kull litru.";

(o) Fl-Anness VIII, it-Parti E(6)(a), il-frażi tal-bidu tinbidel b'dan li ġej:

"(a) il-kelma "Winzersekt" għandha tkun riservata għall-inbid spumanti ta' kwalità skond ir-reġjun speċifiku prodott fil-Ġermanja, il-kelma "Hauersekt" għandha tkun riservata għall-inbid spumanti ta' kwalità skond ir-reġjun speċifiku prodott fl-Awstrija, il-kelma "pěstitelský sekt" għandha tkun riservata għall-inbid spumanti ta' kwalità skond ir-reġjun speċifiku prodott fir-Repubblika Ċeka u l-kelma "Termelői pezsgő" għandha tkun riservata għall-inbid spumanti ta' kwalità skond ir-reġjun speċifiku prodott fl-Ungerija, li kollha huma:".

29. 31999 R 1621: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1621/1999 tat-22 ta’ Lulju 1999 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2201/96 rigward l-għajnuna għat-tkabbir tal-għeneb sabiex jiġu prodotti ċerti varjetajiet ta’ għeneb imnixxef (ĠU L 192, 24.7.1999, p. 21), kif emendat bi:

– 31999 R 2256: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2256/1999 tal-25.10.1999 (ĠU L 275, 26.10.1999, p. 13),

– 32001 R 1880: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1880/2001 tas-26.9.2001 (ĠU L 258, 27.9.2001, p. 14).

L-Artikolu 2(1) jinbidel b’dan li ġej:

"L-area massima garantita tal-Komunità imsemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru. 2201/96 għandha tkun ta’ 53 187 ettaru."

30. 32000 R 1622: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1622/2000 ta’ l-24 ta’ Lulju 2000 li jistipula ċerti regoli dettaljati sabiex jiġi implimentat ir-Regolament (KE) Nru. 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid u li jistabbilixxi kodiċi Komunitarju ta’ prattiċi u proċessi enoloġiċi (ĠU L 194, 31.7.2000, p. 1), kif emendat bi:

- 32000 R 2451: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2451/2000 tas-7.11.2000 (ĠU L 282, 8.11.2000, p. 7),

- 32001 R 0885: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 885/2001 ta’ l-24.4.2001 (ĠU L 128, 10.5.2001, p. 54),

- 32001 R 1609: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1609/2001 tas-6.8.2001 (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 9),

- 32001 R 1655: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1055/2001 ta’ l-4.8.2001 (ĠU L 220, 15.8.2001, p. 17),

- 32001 R 2066: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2066/2001 tat-22.10.2001 (ĠU L 278, 23.10.2001, p. 9),

- 32002 R 2244: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2244/2002 tas-16.12.2002 (ĠU L 341, 17.12.2002, p. 27).

Fl-Anness XIII, jiżdied il-punt (g) li ġej:

"(g) għall-inbejjed Ungeriżi:

25 milliekwivalenti għall kull litru għal-inbejjed ta' kwalità li ġejjin:

- "Tokaji máslás",
- "Tokaji fordítás",
- "Aszúbor",
- "Töppedt szőlőből készült bor",
- "Tokaji édes szamorodni",

35 milliekwivalenti għall kull litru għal-inbejjed ta' kwalità li ġejjin:

- "Tokaji aszú",
- "Tokaji aszúeszencia",
- "Tokaji eszencia",

31. 32000 R 1673:32000 R 1673: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1673/2000 tas-27 ta' Lulju 2000 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-kittien u tal-qanneb mkabbra għall-fibri (ĠU L 193, 29.7.2000, p. 16), kif emendat bi:

– 32002 R 0651: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 651/2002 tas-16.4.2002 (ĠU L 101, 17.4.2002, p. 3).

(a) L-Artikolu 3(1) jinbidel b'dan li ġej:

"1. Kwantità massima garantita ta' 80 823 tunnellata metrika għal kull sena ta' *marketing* għandha tiġi stabbilita għall-fibri twal tal-kittien u mqassma bejn l-Istati Membri kollha bħala kwantitajiet nazzjonali garantiti. Dik il-kwantità għandha titqassam kif ġej:

– 13 800 tunnellata metrika għall-Belġju,
– 1 923 tunnellata metrika għar-Repubblika Ċeka
– 300 tunnellata metrika għall-Ġermanja,
– 30 tunnellata metrika għall-Estonja
– 50 tunnellata metrika għal Spanja,
– 55 800 tunnellata metrika għal Franza,
– 360 tunnellata metrika għal-Latvja,

– 2263 tunnellata metrika għal-Litwanja,

– 4800 tunnellata metrika għall-Olanda,

– 150 tunnellata metrika għall-Awstrija,

– 924 tunnellata metrika għall-Polonja

– 50 tunnellata metrika għall-Portugall,

– 73 tunnellata metrika għas-Slovakkja

– 200 tunnellata metrika għall-Finlandja,

– 50 tunnellata metrika għall-Isvezja,

– 50 tunnellata metrika għar-Renju Unit."

(b) Fl-Artikolu 3(2) il-paragrafu tad-dħul u s-sub-paragrafu (a) jinbidlu b'dan li ġej:

"Kwantità massima garantita ta' 146 296 tunnellata metrika kull sena ta' *marketing* għandha tiġi stabbilita għall-fibri qosra tal-kittien u tal-fibri tal-qanneb li tista' tingħata għajnuna għalihom. Dik il-kwantità għandha titqassam f'forma ta':

(a) kwantitajiet nazzjonali garantiti għall-Istati Membri li ġejjin:

– 10 350 tunnellata metrika għall-Belġju,

- 2 866 tunnellata metrika għar-Repubblika Ċeka
- 12 800 tunnellata metrika għall-Ġermanja,
- 42 tunnellata metrika għall-Estonja,
- 20 000 tunnellata metrika għal Spanja,
- 61 350 tunnellata metrika għal Franza,
- 1 313 tunnellata metrika għal-Latvja,
- 3 463 tunnellata metrika għal-Litwanja,
- 2 061 tunnellata metrika għall-Ungerija,
- 5 550 tunnellata metrika għall-Olanda,
- 2 500 tunnellata metrika għall-Awstrija,
- 462 tunnellata metrika għall-Polonja,
- 1 750 tunnellata metrika għall-Portugall,
- 180 tunnellata metrika għas-Slovakkja,
- 2 250 tunnellata metrika għall-Finlandja,
- 2 250 tunnellata metrika għall-Isvezja,
- 12 100 tunnellata metrika għar-Renju Unit.

Madankollu, il-kwantità nazzjonali garantita stabbilita għall-Ungerija tikkonċerna l-fibri tal-qanneb biss."

32. 32001 R 1260: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1260/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor (ĠU L 178, 30.6.2001, p. 1), kif emendat bi:

– 32002 R 0680 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 680/2002 tad-19.4.2002 (ĠU L 104, 20.4.2002, p. 26)

(a) Fl-Artikolu 10(4), jiżdied dan is-sub-paragarfu li ġej:

"It-tabella bil-ko-effiċjenti relevanti li tinsab fis-sub-paragrafu ta' qabel għandha tkun adattata skond il-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 42(2), wara li jkunu meqjusa il-kwantitajiet bażiċi stipulati fl-Artikolu 11(2)."

(b) Fl-Artikolu 11(1), tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Għar-Repubblika Ċeka, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja is-sena ta' *marketing* għandha tkun dik ta' l-2003-2004."

(ċ) Fl-Artikolu 11(2), dan li ġej jidħol fit-tabella "1. Kwantitajiet bażiċi A" qabel l-iskrizzjoni għad-Danimarka:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Ir-Repubbblika Ċeka | 441 209 | — | —" |

u, bejn l-iskrizzjonijiet għall-Italja u l-Olanda:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Il-Latvja | 66 400 | — | — |
| Il-Litwanja | 103 010 | — | — |
| L-Ungerija | 400 454 | 127 627 | —" |

u, bejn l-iskrizzjonijiet għall-Awstrija u l-Portugall:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Il-Polonja | 1 580 000 | 24 911 | —" |

u, bejn l-iskrizzjonijiet għar-reġjun awtonomu ta' l-Azores u l-Finlandja:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Is-Slovenja | 48 157 | — | — |
| Is-Slovakkja | 189 760 | 37 522 | —" |

(d) Fl-Artikolu 11(2), dan li ġej jidħol fit-tabella "2. Kwantitajiet bażiċi B" qabel l-iskrizzjoni għad-Danimarka:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Ir-Repubblika Ċeka | 13 653 | — | —" |

u, bejn l-iskrizzjonijiet għall-Italja u l-Olanda:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Il-Latvja | 105 | — | — |
| L-Ungerija | 1 230 | 10 000 | —" |

u, bejn l-iskrizzjonijiet għall-Awstrija u l-Portugall:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Il-Polonja | 91 926 | 1 870 | —" |

u, bejn l-iskrizzjonijiet għar-reġjun awtonomu ta' l-Azores u l-Finlandja:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Is-Slovenja | 4 816 | — | — |
| Is-Slovakkja | 17 672 | 5 025 | —" |

(e) Fl-Artikolu 11(3), tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Għar-Repubblika Ċeka, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja is-sena ta' *marketing* għandha tkun dik ta' l-2003-2004.";

(f) Fl-Artikolu 39(1), jiżdied dan is-sub-paragarfu li ġej:

"B'deroga mill-Artikolu 7(4), il-bżonn massimu stmat ta' forniment għal impriża li tipproduċi z-zokkor fis-Slovenja għandu jkun ta' 19 585 tunnellata metrika.";

(g) Is-sentenza li ġejja tiżdied ma' l-Anness III, Punt IV, paragrafu 2; Punt V, paragrafi 2 u 3; Punt VI, paragrafu 2, Punt VIII, inċiż (d); u Punt XI, paragrafu 2:

"Għar-Repubblika Ċeka, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja is-sena ta' *marketing* relevanti għandha tkun dik ta' l-2003-2004.".

33. 32001 R 2529: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2529/2001 tad-19 ta' Diċembru 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tan-nagħġa u tal-mogħża (ĠU L 341, 22.12.2001, p. 3).

(a) L-Artikolu 8(2) jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li mill-1 ta' Jannar 2002, l-ammont totali tad-drittijiet għall-*premium* fuq it-territorju tagħhom ma jaqbiżx il-limiti nazzjonali stipulati fl-Anness I u li r-riżervi nazzjonali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 10 ikunu jistgħu jinżammu. Ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja għandhom jallokaw limiti individwali lill-produtturi u għandhom jistabilixxu r-riservi nazzjonali min-numru globali tad-drittijiet għall-*premium* riżervat għall kull wieħed minn dawn l-Istati Membri kif stipulat fl-Anness I, mhux aktar tard minn sena waħda wara d-data ta' l-adeżjoni.",

(b) Wara l-Artikolu 11, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 11a

L-ammonti globali imsemmija fl-Artikolu 11(1) għandhom ikunu applikati skond l-iskeda ta' inkrementi kif hemm fl-Artikolu 1a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1259/1999.",

(ċ) L-Anness I jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS I

DRITTIJIET INDIVIDWALI GĦALL-*PREMIUM* TAN-NAGĦAĠ U TAL-MOGĦOŻ

| Stat Membru | Drittijiet (x 1000) |
|---|---|
| Il-Belġju | 70 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 66,733 |
| Id-Danimarka | 104 |
| Il-Ġermanja | 2 432 |
| L-Estonja | 48 |
| Il-Greċja | 11 023 |
| Spanja | 19 580 |
| Franza | 7 842 |
| L-Irlanda | 4 956 |
| L-Italja | 9 575 |
| Ċipru | 472,401 |
| Il-Latvja | 18,437 |
| Il-Litwanja | 17,304 |

| | |
|---|---|
| Il-Lussemburgu | 4 |
| L-Ungerija | 1 146 |
| Malta | 8,485 |
| L-Olanda | 930 |
| L-Awstrija | 206 |
| Il-Polonja | 335,88 |
| Il-Portugall ([1]) | 2 690 |
| Is-Slovenja | 84,909 |
| Is-Slovakkja | 305,756 |
| Il-Finlandja | 80 |
| L-Isvezja | 180 |
| Ir-Renju Unit | 19 492 |
| Total | 81 667,905 |

([1]) Minbarra l-programm ta’ estensifikazzjoni stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1017/94 tas-26 ta’ April 1994 li jikkonċerna l-bdil ta’ art li fil-mument tintuża għall-uċuħ maħruta f'art għat-tkabbir estensiv tal-bhejjem fil-Portugall (ĠU L 112, 3.5.1994, p. 2). Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 2582/2001 (ĠU L 345, 29.12.2001, p. 5).

"

(d) L-Anness II jinbidel b'dan li ġej:

"ANNESS II

L-AMMONTI GLOBALI LI HEMM REFERENZA GĦALIHOM FL-ARTIKOLU 11

(f'eluf ta' euro)

| | |
|---|---|
| Il-Belġju | 64 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 71 |
| Id-Danimarka | 79 |
| Il-Ġermanja | 1 793 |
| L-Estonja | 51 |
| Il-Greċja | 8 767 |
| Spanja | 18 827 |
| Franza | 7 083 |
| L-Irlanda | 4 875 |
| L-Italja | 6 920 |
| Ċipru | 441 |

| | |
|---|---|
| Il-Latvja | 19 |
| Il-Litwanja | 18 |
| Il-Lussemburgu | 4 |
| L-Ungerija | 1 212 |
| Malta | 9 |
| L-Olanda | 743 |
| L-Awstrija | 185 |
| Il-Polonja | 355 |
| Il-Portugall | 2 275 |
| Is-Slovenja | 86 |
| Is-Slovakkja | 323 |
| Il-Finlandja | 61 |
| L-Isvezja | 162 |
| Ir-Renju Unit | 20 162 |

"

34. 32002 R 0546: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 546/2002 tal-25 ta' Marzu 2002 li jiffissa l-*premiums* u l-limiti tal-garanzija għall-weraq tat-tabakk skond il-grupp tal-varjetà u l-Istat Membru għall-ħsad tas-snin 2002, 2003 u 2004 u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru. 2075/92 (ĠU L 84, 28.3.2002, p. 4).

(a) Fl-Anness II, dan li ġej jiżdied mat-tieni tabella:

"

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ċipru | 350 | | | | | | | | 350 |
| L-Ungerija | 5 768 | 6 587 | | | | | | | 12 355 |
| Il-Polonja | 22 200 | 12 633 | 1 867 | 1 233 | | | | | 37 933 |
| Is-Slovakkja | 1 598 | 117 | | | | | | | 1 715 |

"

(b) Fl-Anness II l-aħħar ringiela tat-tieni tabella tinbidel b'dan li ġej:

"

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 162 602 | 97 866 | 34 338 | 7 518 | 15 771 | 27 114 | 24 512 | 16 696 | 386 417 |

"

35. 32002 R 0753: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 753/2002 tad-29 ta' April 2002 li jistipula ċerti regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1493/1999 f'dak li għandu x'jaqsam mad-deskrizzjoni, l-isem, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur ta' l-inbid (ĠU L 118, 4.5.2002, p. 1), kif emendat bi:

- 32002 R 2086: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2086/2002 tal-25.11.2002 (ĠU L 321, 26.11.2002, p. 8).

Fl-Artikolu 47, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. L-inbejjed, il-most ta' l-għeneb u l-inbejjed spumanti prodotti fl-Ungerija sa' l-1 ta' Mejju 2004 u li d-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni tagħhom ma jikkonformawx mar-Regolament (KE) Nru. 1493/1999 jew ma' dan ir-Regolament jistgħu jitqiegħdu għall-bejgħ, jinħarġu fis-suq jew ikunu esportati sa ma jispiċċaw il-ħażniet sakemm ikunu konformi mad-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-inbejjed, il-most ta' l-għeneb u l-inbejjed spumanti li huma fis-seħħ fl-Ungerija qabel dik id-data. L-Ungerija għandha tistabilixxi *databank* kompjuterizzata li tinkludi d-dikjarazzjonijiet dwar il-ħażniet u għandha tiddikjara l-ħażniet disponibbli fil-waqt ta' l-adeżjoni."